# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**PRESIDENT**

**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**

**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis 9 ta' Lulju 2020**

**Numru 1**

**Ċitazzjoni numru 1902/2001 JA**

***Valle del Miele Limited***

***v.***

**Raphael Aloisio, Malcolm Booker, Steve Cachia, Edward Camilleri, Andrew Manduca, Paul Mercieca u Stephen Paris personalment u fil-kapacità tagħhom ta' *partners* tal-kumpannija *Deloitte & Touche Certified Public Auditors & Accountants***

1. Dan huwa appell kemm tas-soċjetà attriċi u kemm tal-konvenuti. L-attriċi appellat minn żewġ dikrieti – wieħed tal-15 ta' Ġunju 2011 ["l-ewwel dikriet"] u l-ieħor tat-13 ta' Ġunju 2012 ["it-tieni dikriet"] – li bihom l-ewwel qorti irregolat il-produzzjoni ta' xiehda, u minn dik il-parti tas-sentenza tas-16 ta' Diċembru 2013 ["is-sentenza finali"] li biha l-ewwel qorti ċaħdet it-talba tal-attriċi biex tikkundanna lill-konvenuti jħallsu danni. Il-konvenuti appellaw minn dik il-parti tas-sentenza tal-1 ta' Diċembru 2003 ["is-sentenza preliminari"] li biha l-

ewwel qorti ċaħdet eċċezzjoni ta' nuqqas ta' relazzjoni ġuridika bejn il-partijiet u eċċezzjoni ta' intempestività tal-azzjoni, u minn dik il-parti tas-sentenza finali li sabet illi l-konvenuti kienu mxew b'negliġenza.

2. Il-fatti relevanti huma dawn: Il-konvenuti kienu awdituri ta' soċjetà kummerċjali ["il-kumpannija debitriċi"] u fit-13 ta' Settembru 2000 kienu ġew pubblikati l-kontijiet ta' dik is-soċjetà kif ukoll ir-rapport statutorju tal-konvenuti kif kien irid l-art. 179 tal-Att dwar il-Kumpanniji ["Kap. 386"]. Is-soċjetà attriċi, li dak iż-żmien kienet ġà kreditriċi tal-kumpannija debitriċi u kellha tieħu mingħandha tmienja u sebgħin elf, mitejn u tlieta u disgħin lira ta' Malta (Lm78,293) – illum mija u tnejn u tmenin elf, tliet mija u tlieta u sebgħin euro u tlieta u sittin ċenteżmu (€182,373.63) – tgħid illi qagħdet fuq il-kontijiet tas-soċjetà approvati mill-konvenuti u fuq ir-rapport tal-awdituri mħejji mill-konvenuti, li, tgħid l-attriċi, kienu juru "stampa ottimista ta' soċjetà b'attività kbira" u ma kinux juru li l-kumpannija debitriċi "seta' jkollha xi problemi finanzjarji serji", u għalhekk ħalliet illi l-kreditu sa Marzu tal-2001 jitla' għal mija u ħamsin elf, mitejn u tlieta u sittin lira ta' Malta u sitta u għoxrin ċenteżmu (Lm150,263.26) – illum tliet mija u ħamsin elf u dsatax-il euro u erbgħa u għoxrin ċenteżmu (€350,019.24).

3. Ġara iżda li s-soċjetà f'April tal-2001 ħabbret illi kienet sejra tieqaf tħallas id-djun tagħha. L-attriċi tgħid illi sussegwentement irriżulta illi sal-31 ta' Diċembru 2000 s-soċjetà debitriċi kienet għamlet telf ta' "diversi miljuni ta' Liri Maltin". L-attriċi tkompli tgħid illi dan juri li l-konvenuti mxew "b'mod negliġenti u/jew frawdolenti fir-redazzjoni tal-

*accounts* u fl-opinjonijiet li esprimew fl-istess *accounts* u li ppublikaw fit-13 ta' Settembru 2000 b'mod illi pinġew stampa li ma kinitx tirrifletti l-qagħda finanzjarja attwali u reali" u illi, minħabba f'hekk, hija "sofriet danni *stante* li ddeċidiet li tkompli tissuplixxi lis-soċjetà [debitriċi] a bażi tal-istampa finanzjarja riflessa biex b'hekk żdied sostanzjalment il-kreditu tagħha u ppreġudikat il-possibbiltà li tirkupra l-kreditu eżistenti f'Settembru 2000".

4. Billi għalxejn sejħet lill-konvenuti biex jagħmlu tajjeb għad-danni li tgħid li ġarrbet bi ħtija tagħhom, l-attriċi fetħet din il-kawża tallum u talbet illi l-qorti:

> »1. tiddikjara illi bil-mod kif il-konvenuti ħejjew ir-rapport mhux kwalifikat tal-awditur, fir-rigward tas-soċjetà [debitriċi], l-istess konvenuti aġixxew b'mod negliġenti u/jew frawdolenti, u b'hekk ikkaġunaw danni lis-soċjetà attriċi;
>
> »2. tillikwida d-danni sofferti mis-soċjetà attriċi;
>
> »3. tikkundanna lill-konvenuti sabiex iħallsu d-danni hekk likwidati.«

5. Il-konvenuti ressqu dawn l-eċċezzjonijiet:

> »1. preliminarjament, illi l-eċċipjenti, kemm personalment kif ukoll bħala *partners* ta' *Deloitte & Touche*, qatt ma kellhom relazzjoni ta' kwalsiasi natura mas-soċjetà attriċi, u illi s-soċjetà attriċi m'għandha l-ebda dritt ta' azzjoni kontra tagħhom. Għalhekk, l-eċċipjenti għandhom jiġu liberati mill-osservanza tal-ġudizzju;
>
> »2. subordinatament u mingħajr preġudizzju għall-ewwel eċċezzjoni hawn fuq sollevata, ukoll preliminarjament, l-intempestività tal-azzjoni *stante* li s-soċjetà attriċi sallum ma sofriet l-ebda ħsara. u n-nuqqas ta' interess ġuridiku biex is-soċjetà attriċi tippromuovi din l-azzjoni *stante* li din hija biss ipotetika u mhux reali;
>
> »3. subordinatament, fil-meritu u mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet preliminari, l-eċċipjenti, kemm personalment kif ukoll bħala *partners* ta' *Deloitte & Touche*, jiċħdu kategorikament kull allegazzjoni ta' responsabbiltà u ta' aġir frawdolenti jew negliġenti da parti tagħhom u jiddikjaraw illi huma aġixxew b'diliġenza, bi prudenza u bil-ħsieb u skont il-liġi u kif tirrikjedi l-professjoni tagħhom, u għalhekk it-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż.«

6. Bis-sentenza preliminari l-ewwel qorti iddeċidiet hekk:

> »… … … tiċħad l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut; tiċħad it-tieni eċċezzjoni fir-rigward tal-ewwel talba tal-atturi, tirriserva li tiddeċiedi dwar it-tieni eċċezzjoni fir-rigward tat-talbiet l-oħra fi stadju ulterjuri, u tordna li l-kawża tkompli tinstema'. Spejjeż riservati għall-ġudizzju finali.«

7. Ir-raġunijiet li wasslu lill-ewwel qorti għal din il-konklużjoni ġew imfissra hekk:

> »L-ewwel eċċezzjoni hija fis-sens li l-konvenuti ma għandhom ebda relazzjoni ġuridika mal-attur sija bħala rapresentanti tad-ditta *Deloitte & Touche* sija personalment. Irid hawn jingħad li l-konvenuti ġew inkarigati jħejju *audit report* tas-soċjetà [debitriċi] liema rapport ġie finalizzat u iffirmat minnhom (skond l-atturi) fit-30 ta' Ġunju, 2000. L-atturi li huma kredituri tas-soċjetà [debitriċi] qed isostnu wkoll illi ssuplixxew lill-istess soċjetà b'iktar merkanzija a bażi ta' dan ir-rapport. Qed isostnu wkoll li dan ir-rapport ma kienx jirrispekkja l-verità u *stante* illi ftit taż-żmien wara s-soċjetà [debitriċi] ma' baqgħetx tagħmel pagamenti u nbdew il-proċeduri għax-xoljiment tagħha huma sofrew danni li qed jitolbu li jitħallsu b'din l-istess kawża.
>
> »Issa hu minnu li l-atturi ma inkarigawx lill-konvenuti huma biex jagħmlu r-rapport u hu a bażi ta' dan li l-konvenuti qed iressqu din l-eċċezzjoni.
>
> »… … … l-atturi qed igħidu li d-danni ma hemmx għalfejn joħorġu minn obbligazzjoni kuntrattwali kif donnu qed jallegaw il-konvenuti. Dan hu sagrosant. Fil-fatt anke l-istess ċitazzjoni tagħmel riferenza għal negliġenza, u kwindi jidher ċar li l-azzjoni tal-atturi hija waħda bbażata fuq *culpa* u mhux fuq obbligazzjoni *ex contractu.* Għalhekk ir-relazzjoni ġuridika li għandhu jkun hemm mhijiex ta' rabta kuntrattwali iżda jekk minħabba xi nuqqas tal-konvenuti l-atturi sofrew xi danni. Naturalment dan irid jiġi ppruvat fil-kors tal-kawża.
>
> »Il-punt saljenti ta' din il-kawża ġie konsidrat diversi drabi mill-qrati ingliżi kif jidher ampjament minn noti tal-partijiet. It-tendenza prevalenti hija li effettivament kemm l-*accountants* u kemm l-awdituri jistgħu jiġu tenuti responsabbli ta' danni kawżati lil terzi, ossija lill-persuni li ma humiex azzjonisti tal-istess soċjetà li tkun għamlet użu mis-servizzi tagħhom, *purché* ovvjament jiġi pruvat in-ness bejn id-danni u l-operat negliġenti jew xorta oħra passibbli għal danni tal-konvenuti f'kawża simili.
>
> »Diversi sentenzi mogħtija mill-qrati ingliżi li japprovaw dan. Fil-kawża fl-ismijiet *Candler v. Crane, Chrismas & Co.* deċiża mill-famuż Lord Denning fl-1951 ġie ritenut illi:
>
> > "… to whom do these professional people owe this duty? I will take accountants, but the same reasoning applies to … others. They owe the duty, of course, to their employer or client; and also I think to any third person to whom they show the accounts, or to whom they know their employer is going to show the accounts so as to induce them to invest money or take some other action on them."

»Din il-qorti ma' tistax issib kliem aħjar biex turi l-fehma tagħha. Għalhekk l-ewwel eċċezzjoni qed tiġi respinta.

»Kwantu għat-tieni eċċezzjoni, *prima facie* hu minnu illi f'dan l-istadju l-atturi ma' jistgħux jikkwantifikaw id-danni li jistgħu jsofru minħabba li l-proċess ta' likwidazzjoni għadu ma ġiex mitmum. Teoretikament addirittura hemm possibilità (x'aktarx remota, iżda dejjem eżistenti) illi jiġbru flushom kollha. Madankollu din il-qorti ma tħossx li għandha twaqqaf il-kawża f'dan l-istadju minħabba f'hekk, għaliex l-atturi fl-ewwel talba tagħhom qed jitolbu dikjarazzjoni ta' responsabilità li żgur ma hijiex se tintlaqat mill-fatt li l-proċeduri ta' likwidazzjoni għadhom fi stat bikri. Il-qorti tħoss li ċ-ċitazzjoni mhijiex intempestiva ċertament fir-rigward ta' din it-talba. Fil-fehma tal-qorti l-ewwel għandu jiġi stabbilit dan il-punt u l-kwistjoni tal-intempestività għandha tiġi deċiża semmai wara; jista' jkun li eventwalment il-qorti jkollha tieħu passi oħra fuq dan il-punt. Fi kliem iehor il-qorti tkun f'posizzjoni li tiġġudika fuq dan wara li tkun semgħet il-provi. Mhux il-każ, għal raġunijiet ovvji, li jingħad iktar fuq dan.«

8. Imbagħad, bis-sentenza finali l-ewwel qorti qatgħet il-kawża hekk:

»… … … filwaqt li tiddikjara li l-konvenuti aġixxew b'mod negliġenti kif mitlub fiċ-ċitazzjoni, huma ma kkaġunawx id-danni mitluba mis-soċjetà attriċi, u għaldaqstant tiċħad it-talbiet attriċi kif dedotti.

»L-ispejjeż, ħlief dawk ġà deċiżi mis-sentenzi ġà mogħtija bejn il-partijiet, fiċ-ċirkostanzi jkunu bla taxxa bejn il-kontendenti.«

9. Ir-raġunijiet li wasslu għal din id-deċiżjoni ġew imfissra hekk:

»… … … is-soċjetà attriċi qed tattribwixxi telf li hija għamlet minħabba l-falliment tas-soċjetà [debitriċi] lill-konvenuti li kienu l-awdituri tal-istess soċjetà. Huma qed jallegaw li l-konvenuti fir-rapport u *accounts* illi irrideġew f'Settembru tas-sena 2000 kienu negliġenti u/jew frawdolenti u, minħabba li huma straħu fuq dawn id-dokumenti, billi taw aktar kreditu lill-kumpannijia [debitriċi], sofrew telf li allura qed jirreklamawhom mingħandhom.

»Illi huwa evidenti li din hija kawża insolita; din il-qorti ġà ppronunzjat ruħha fis-sens li, avolja ma hemm ebda relazzjoni kuntrattwali bejn il-partijet, dan ma jfissirx li *prima facie* l-konvenuti fil-kapaċità professjonali ma jistgħux jinstabu responsabbli għal danni li jistgħu jikkaġunaw minħabba negliġenza, u aktar u aktar minħabba frodi; naturalment dawn iridu jiġu ppruvati mill-attur, u jrid ikun hemm ness bejn dan l-aġir u d-danni kawżati kif jiġri f'kawżi oħra.

»Illi f'din is-sentenza preliminari din il-qorti iċċitat sentenza tal-qrati inglizi fl-ismijiet *Candler v. Crane et* deċiża fil-1951; għall-preċiżjoni dakinhar il-qorti ċċitat lil Lord Denning iżda wieħed irid jgħid li tiegħu kien hekk imsejjaħ *dissenting judgement* li però ġie segwit f'sentenzi li ngħataw sussegwentement. Minħabba n-novità ta' din il-kawża fil-ġurisprudenza tagħna u l-importanza evidenti għall-professjoni in kwistjoni, tajjeb li l-qorti tittraċċa l-iżvilupp tal-kunċetti warajha fil-qrati ingliżi.

Illi fil-każ ta' <u>Candler</u> fuq imsemmi, l-attur kien interessat jinvesti somma f'kumpannija jekk jara l-*accounts* tagħha. Illi għalhekk is-soċjetà konvenuta, ditta ta' *accountants*, ħejjiet dawn l-*accounts* li ġew murija lill-attur fil-preżenza ta' uffiċjal tagħha. L-attur investa elfejn Lira Sterlina iżda fil-fatt il-kumpanija kienet fi stat ħażin u eventwalment falliet. Għalhekk huwa fittex lill-*accountants* "*for negligently mis-representing the state of the company*"*.* Il-maġġoranza tal-Qorti tal-Appell straħet fuq każ precedent, <u>Derry v. Peek</u>, u ċaħdet it-talba tal-atturi, minħabba li: *"that loss resulting from negligent misstatement was not actionable in the absence of any contractual or fiduciary relationship between the parties*".

»Illi Lord Denning però kien kritiku ħafna għal dan ir-raġunament u l-qorti se tirriproduċi l-fehma tiegħu li kif ġà ssemma ġiet eventwalment aċċettata mill-qrati ingliżi għaliex fil-fehma ta' din il-qorti il-konklużjonijiet raġġunti minnu huma ineċċepibbli:

> »"This case raises a point of law of much importance; because Mr Lawson on behalf of the plaintiff submitted that, although there was no contract between the plaintiff and the accountants, nevertheless the relationship between them was so close and direct that the accountants did owe a duty of care to him within the principles stated in *<u>Donoghue v. Stevenson</u>*; whereas Mr Foster on behalf of the accountants submitted that the duty owed by the accountants was purely a contractual duty owed by them to the company, and therefore they were not liable for negligence to a person to whom they were under no contractual duty … The only defences raised by the accountants at the hearing of the appeal were:
>
> »"(1) that Fraser was not acting in the course of his employment; and
>
> »"(2) that, even if he were, they owed no duty of care to the plaintiff.
>
> »"The judge appears to have treated it as beyond question that Fraser was acting in the course of his employment; and I agree with him. There is no doubt that Fraser was acting within his actual authority in writing up the books and preparing the accounts, and indeed his action in so doing was ratified and confirmed by the senior partner who signed the certificate; but it is said that Fraser had no authority to show the draft accounts to the plaintiff or to answer his queries, at any rate not without asking his principals for permission to do so. The senior partner admitted that it was a very common thing for accountants at the request of the chairman or person in control of a company to give details of the company's accounts to a prospective investor so as to induce him to invest money, but he said that it was for the principal of the firm to do it, and not for a clerk. That may well be so. It may not have been within Fraser's actual authority, but that is not the point. A master is often made responsible for the unauthorized or forbidden acts of his servant, when he has for his own purposes put the servant in a position where he can do the acts. Practical good sense demands that, even though the master is not at fault himself, he should be responsible if the servant conducts himself in a way which is injurious to others. He takes the benefits of the servant's rightful acts and should bear the burden of his wrongful ones; and he is, as a rule, the only one who has the means to

pay. So here, I have no doubt that the accountants are responsible for the way in which Fraser conducted himself in preparing the accounts and showing them to the plaintiff who, after all, was perfectly innocent in the matter and had not the slightest idea that Fraser had no authority to do what he did.

»"Now I come to the great question in the case: did the accountants owe a duty of care to the plaintiff? If the matter were free from authority, I should have said that they clearly did owe a duty of care to him. They were professional accountants who prepared and put before him these accounts, knowing that he was going to be guided by them in making an investment in the company. On the faith of those accounts he did make the investment, whereas if the accounts had been carefully prepared, he would not have made the investment at all. The result is that he has lost his money. In the circumstances, had he not every right to rely on the accounts being prepared with proper care; and is he not entitled to redress from the accountants on whom he relied? I say that he is, and I would apply to this case the words of Knight Bruce, L.J., in an analogous case ninety years ago:

> »"'A country whose administration of justice did not afford redress in a case of the present description would not be in a state of civilization': *Slim v. Croucher*.'

»"Turning now to authority, I can point to many general statements of principle which cover the case made by some of the great names in the law: Lord Eldon, LC, in *Evans v. Bicknell*, Lord Campbell, LC, in *Slim v. Croucher*, Lord Selborne, L.C., in *Brownlee v. Campbell*, Lord Herschell in *Derry v. Peek*, Lord Shaw in *Nocton v. Ashburton*, and Lord Atkin in *Donoghue v. Stevenson*. But it is said that effect cannot be given to these statements of principle, because there is an actual decision of this court in 1893 which is to the contrary, namely *Le Lievre v. Gould*. Before I consider the decision in *Le Lievre v. Gould* itself, I wish to say that, in my opinion, at the time it was decided current legal thought was infected by two cardinal errors. The first error was one which appears time and time again in nineteenth century thought, namely, that no one who is not a party to a contract can sue on it or on anything arising out of it. This error has had unfortunate consequences both in the law of contract and in the law of tort. So far as contract is concerned, I have said something about it in *Smith v. River Douglas Catchment Board*. So far as tort is concerned, it led the lawyers of that day to suppose that, if one of the parties to a contract was negligent in carrying it out, no third person who was injured by that negligence could sue for damages on account of it: see *Winterbottom v, Wright*, *Alton v. Midland ry*"., and the notes to *Pasley v. Freeman*; except in the case of things dangerous in themselves, like guns: see *Dixon v. Bell*. This error lies at the root of the reasoning of Bowen, L.J., in *Le Lievre v. Gould*, when he said that the law of England:

> »"'does not consider that what a man writes on paper is like a gun or other dangerous instrument',

meaning thereby that, unless it was a thing which was dangerous in itself, no action lay. This error was exploded by the great case of *Donoghue v. Stevenson*, which decided that the presence of a contract did not defeat an action for negligence by a third person,

provided that the circumstances disclosed a duty by the contracting party to him.

»"The second error was an error as to the effect of *Derry v. Peek*, an error which persisted for thirty-five years at least after the decision, namely, that no action ever lies for a negligent statement even though it is intended to be acted on by the plaintiff and is in fact acted on by him to his loss. This error led the Court of Appeal in *Low v. Bouverie* to deny the correctness of *Slim v. Croucher*; and in *Le Lievre v. Gould* to deny the correctness of *Cann v. Willson*. The cases thus denied were so plainly just that the very denial of them was itself an error. The error was, however, exposed by the important case of *Nocton v. Ashburton*, which decided that an action did lie for a negligent statement where the circumstances disclosed a duty to be careful; and that all that is to be deduced from (though not decided by) *Derry v. Peek* is that in the particular circumstances of that case there was no duty to be careful. Lord Haldane observed significantly that the authorities subsequent to *Derry v. Peek* had shown "a tendency to assume that it was intended to mean more than it did".

»"In my opinion these decisions of the House of Lords in *Donoghue v. Stevenson* and *Nocton v. Ashburton* are sufficient to entitle this court to examine afresh the law as to negligent statements, and that is what I propose to do.

»"Let me first be destructive and destroy the submissions put forward by Mr Foster. His first submission was that a duty to be careful in making statements arose only out of a contractual duty to the plaintiff or a fiduciary relationship to him. Apart from such cases, no action, he said, had ever been allowed for negligent statements, and he urged that this want of authority was a reason against it being allowed now. This argument about the novelty of the action does not appeal to me in the least. It has been put forward in all the great cases which have been milestones of progress in our law, and it has always, or nearly always, been rejected. If you read the great cases of *Ashby v. White*, *Pasley v. Freeman* and *Donoghue v. Stevenson* you will find that in each of them the judges were divided in opinion. On the one side there were the timorous souls who were fearful of allowing a new cause of action. On the other side there were the bold spirits who were ready to allow it if justice so required. It was fortunate for the common law that the progressive view prevailed. Whenever this argument of novelty is put forward I call to mind the emphatic answer given by Pratt, C.J., nearly two hundred years ago in *Chapman v. Pickersgill* when he said:

> »"'I wish never to hear this objection again. This action is for a tort: torts are infinitely various; not limited or confined, for there is nothing in nature but may be an instrument of mischief'.

»"The same answer was given by Lord Macmillan in *Donoghue v. Stevenson* when he said:

> »"'The criterion of judgment must adjust and adapt itself to the changing circumstances of life. The categories of negligence are never closed.'

»"I beg leave to quote those cases and those passages against those who would emphasize the paramount importance of

certainty at the expense of justice. It needs only a little imagination to see how much the common law would have suffered if those decisions had gone the other way.

The second submission of Mr Foster was that a duty to take care only arose where the result of a failure to take care will cause physical damage to persons or property. It was for this reason that he did not dispute two illustrations of negligent statements which I put in the course of the argument, the case of an analyst who negligently certifies to a manufacturer of food that a particular ingredient is harmless, whereas it is in fact poisonous, or the case of an inspector of lifts who negligently reports that a particular lift is safe, whereas it is in fact dangerous. The analyst and the lift inspector would, I should have thought, be liable to any person who was injured by consuming the food, or using the lift, at any rate if there was no likelihood of intermediate inspection: see *Donoghue v. Stevenson*; *Haseldine v. CA Daw & Son LD*. Mr Foster said that that might well be so because the negligence there caused physical damage, but that the same would not apply to negligence which caused financial loss. He referred to some observations of Wrottesley, J., which were in his favour on this point: see *Old Gate Estates LD v. Toplis*. I must say, however, that I cannot accept this as a valid distinction. I can understand that in some cases of financial loss there may not be a sufficiently proximate relationship to give rise to a duty of care; but, if once the duty exists, I cannot think that liability depends on the nature of the damage.

»"The third submission of Mr Foster was that the duty owed by the accountants was purely a contractual duty and therefore they were not liable for negligence to a person to whom they were under no contractual obligation. This seems to me to be simply a repetition of the nineteenth century fallacy which was stated in *Alton v. Midland Rly* and exploded by *Donoghue v. Stevenson*.

»"Let me now be constructive and suggest the circumstances in which I say that a duty to use care in statement does exist apart from a contract in that behalf. First, what persons are under such duty? My answer is those persons such as accountants, surveyors, valuers and analysts, whose profession and occupation it is to examine books, accounts, and other things, and to make reports on which other people – other than their clients – rely in the ordinary course of business. Their duty is not merely a duty to use care in their reports. They have also a duty to use care in their work which results in their reports. Herein lies the difference between these professional men and other persons who have been held to be under no duty to use care in their statements, such as promoters who issue a prospectus: *Derry v. Peek* (now altered by statute), and trustees who answer inquiries about the trust funds: *Low v. Bouverie*. Those persons do not bring, and are not expected to bring, any professional knowledge or skill into the preparation of their statements: they can only be made responsible by the law affecting persons generally, such as contract, estoppel, innocent misrepresentation or fraud. But it is very different with persons who engage in a calling which requires special knowledge and skill. From very early times it has been held that they owe a duty of care to those who are closely and directly affected by their work, apart altogether from any contract

or undertaking in that behalf. Thus Fitzherbert, in his new *Natura Brevium* (1534) 94D, says that:

> »"'If a smith prick my horse with a nail, I shall have my action on the case against him, without any warranty by the smith to do it well';

and he supports it with an excellent reason:

> »"'for it is the duty of every artificer to exercise his art rightly and truly as he ought.'

»"This reasoning has been treated as applicable not only to shoeing smiths, surgeons and barbers, who work with hammers, knives and scissors, but also to shipbrokers and clerks in the Custom House who work with figures and make entries in books, "because their situation and employment necessarily imply a competent degree of knowledge in making such entries": see *Shiels v. Blackburne*, per Lord Loughborough, which was not referred to by Devlin J, in *Heskell v Continental Express LD*.

»"The same reasoning has been applied to medical men who make reports on the sanity of others: see *Everett v. Griffiths*. It is, I think, also applicable to professional accountants. They are not liable, of course, for casual remarks made in the course of conversation, nor for other statements made outside their work, or not made in their capacity as accountants: compare *Fish v. Kelly*; but they are, in my opinion, in proper cases, apart from any contract in the matter, under a duty to use reasonable care in the preparation of their accounts and in the making of their reports.

»"Secondly, to whom do these professional people owe this duty? I will take accountants, but the same reasoning applies to the others. They owe the duty, of course, to their employer or client; and also I think to any third person to whom they themselves show the accounts, or to whom they know their employer is going to show the accounts, so as to induce him to invest money or take some other action on them. But I do not think the duty can be extended still further so as to include strangers of whom they have heard nothing and to whom their employer without their knowledge may choose to show their accounts. Once the accountants have handed their accounts to their employer they are not, as a rule, responsible for what he does with them without their knowledge or consent.

»"A good illustration is afforded by the decision in *Le Lievre v. Gould* itself, which I certainly would not wish to call in question. The facts are somewhat differently stated in the various reports, but collecting them together they come to this: A surveyor there surveyed work for a building owner and handed certificates to him so that he could know the amounts which he had to pay the builder. The building owner then chose to show the certificates to his own mortgagees who advanced money on them instead of on the certificates of their own surveyor. The mortgagees then said that the owner's surveyor owed a duty of care to them. That was obviously untenable, because they should have had the work surveyed by their own surveyor. Indeed they had actually stipulated for it. The relationship was therefore one in which the inspection of an intermediate person might reasonably be interposed, and was consequently too remote to raise a duty of care: see per Lord Atkin in *Donoghue v. Stevenson*. But excluding such

cases as those, there are some cases – of which the present is one – where the accountants know all the time, even before they present their accounts, that their employer requires the accounts to show to a third person so as to induce him to act on them: and then they themselves, or their employers, present the accounts to him for the purpose. In such cases I am of opinion that the accountants owe a duty of care to the third person.

»"The test of proximity in these cases is: did the accountants know that the accounts were required for submission to the plaintiff and use by him? That appears from the case of *Langridge v. Levy* as extended by Cleasby B in *George v. Skivington*; and from the decision of that good judge, Chitty J, in *Cann v. Willson* which is directly in point. In that case a valuer made a valuation of property for the very purpose of enabling his client to raise a mortgage on it; and, in order to further the transaction, the valuer himself actually put the valuation before the mortgagee's solicitor saying that it was a very moderate valuation and not made in favour of the borrower. The mortgagee advanced money on the faith of the valuation, but it turned out that the valuer had been grossly careless, and the mortgagee lost his money. Chitty, J., held that the valuer was liable in negligence, apart from any contract at all. He said that the valuation was sent by the valuers direct to the mortgagee's solicitor

> »"'for the purpose of inducing the plaintiff and his co-trustee to lay out the trust money on mortgage. It seems to me that the defendants knowingly placed themselves in that position, and in point of law incurred a duty towards him to use reasonable care in the preparation of the document called a valuation. I think it is like the case of the supply of an article – the supply of the hairwash in the case of *George v. Skivington*.'

»"That reasoning seems to me to be good sense and good law. I know that in *Le Lievre v. Gould* the Court of Appeal said that *Cann v. Willson* was wrongly decided; but it must be remembered that at that time the general opinion of the profession was that the case of *George v. Skivington*, on which Chitty J, relied, was itself wrongly decided, or at any rate that the principle stated in it by Cleasby, B, was wrong: see per Field and Cave, JJ., and Bowen and Cotton, LJJ, in *Heaven v. Pender*, and per Hamilton, J., in *Blacker v. Lake and Elliott*. If *George v. Skivington* was wrong, then, of course, *Cann v. Willson* was wrong, for it was based on it. But in *Donoghue v. Stevenson* the House of Lords fully restored *George v. Skivington*, and Lord Atkin himself approved the reasoning of Cleasby, B. It seems to me that by so doing the House of Lords have implicitly restored *Cann v. Willson*, because they have restored the case on which it was based; and if *Cann v. Willson* is good law it follows that in the present case the accountants owed a duty of care to the plaintiff, for the circumstances are indistinguishable.

»"Thirdly, to what transactions does the duty of care extend? It extends, I think, only to those transactions for which the accountants knew their accounts were required. For instance, in the present case it extends to the original investment of £2,000, which the plaintiff made in reliance on the accounts, because the accountants knew that the accounts were required for his guidance in making that investment; but it does not extend to the

subsequent €2000, which he made after he had been two months with the company. This distinction, that the duty only extends to the very transaction in mind at the time, is implicit in the decided cases. Thus a doctor, who negligently certifies a man to be a lunatic when he is not, is liable to him, although there is no contract in the matter, because the doctor knows that his certificate is required for the very purpose of deciding whether the man should be detained or not; but an insurance company's doctor owes no duty to the insured person, because he makes his examination only for the purposes of the insurance company: see *Everett v. Griffiths*, where Atkin LJ, proceeds on the self-same principles as he expounded fully later in *Donoghue v. Stevenson*. So, also, a Lloyd's surveyor who, in surveying for classification purposes, negligently passes a mast as sound when it is not, is not liable to the owner for damage caused by it breaking, because the surveyor makes his survey only for the purpose of classifying the ship for the Yacht Register and not otherwise: *Humphery v. Bowers*. Again, a scientist or expert (including a marine hydrographer) is not liable to his readers for careless statements in his published works. He publishes his work simply for the purpose of giving information, and not with any particular transaction in mind at all. But when a scientist or an expert makes an investigation and report for the very purpose of a particular transaction, then, in my opinion, he is under a duty of care in respect of that transaction.

»"It will be noticed that I have confined the duty to cases where the accountant prepares his accounts and makes his report for the guidance of the very person in the very transaction in question. That is sufficient for the decision of this case. I can well understand that it would be going too far to make an accountant liable to any person in the land who chooses to rely on the accounts in matters of business, for that would expose him to "liability in an indeterminate amount for an indeterminate time to an indeterminate class": see *Ultramares Corporation v. Touche* per Cardozo CJ. Whether he would be liable if he prepared his accounts for the guidance of a specific class of persons in specific class of transactions, I do not say. I should have thought he might be, just as the analyst and lift inspector would be liable in the instances I have given earlier. It is perhaps worth mentioning that Parliament has intervened to make the professional man liable for negligent reports given for the purposes of a prospectus: see ss. 40 and 43 of the Companies Act 1948. That is an instance of liability for reports made for the guidance of a specific class of persons – investors, in a specific class of transactions – applying for shares. That enactment does not help, one way or the other, to show what result the common law would have reached in the absence of such provisions; but it does show what result it ought to reach.

»"My conclusion is that a duty to use care in statement is recognized by English law, and that its recognition does not create any dangerous precedent when it is remembered that it is limited in respect of the persons by whom and to whom it is owed and the transactions to which it applies.

»"One final word: I think that the law would fail to serve the best interests of the community if it should hold that accountants and auditors owe a duty to no one but their client. Its influence would

> be most marked in cases where their client is a company or firm controlled by one man. It would encourage accountants to accept the information which the one man gives them, without verifying it; and to prepare and present the accounts rather as a lawyer prepares and presents a case, putting the best appearance on the accounts they can, without expressing their personal opinion of them. This is, to my way of thinking, an entirely wrong approach. There is a great difference between the lawyer and the accountant. The lawyer is never called on to express his personal belief in the truth of his client's case; whereas the accountant, who certifies the accounts of his client, is always called on to express his personal opinion as to whether the accounts exhibit a true and correct view of his client's affairs; and he is required to do this, not so much for the satisfaction of his own client, but more for the guidance of shareholders, investors, revenue authorities, and others who may have to rely on the accounts in serious matters of business. If we should decide this case in favour of the accountants there will be no reason why accountants should ever verify the word of the one man in a one-man company, because there will be no one to complain about it. The one man who gives them wrong information will not complain if they do not verify it. He wants their backing for the misleading information he gives them, and he can only get it if they accept his word without verification. It is just what he wants so as to gain his own ends, and the persons who are misled cannot complain because the accountants owe no duty to them. If such be the law, I think it is to be regretted, for it means that the accountants' certificate, which should be a safeguard, becomes a snare for those who rely on it. I do not myself think that it is the law. In my opinion accountants owe a duty of care not only to their own clients, but also to all those whom they know will rely on their accounts in the transactions for which those accounts are prepared."

»Illi kif ġà ssemma, il-qrati ingliżi adottaw din il-pożizzjoni wara dan il-każ, u fil-kawża *Hedley Byrne and Co. Ltd v. Heller and Partners Limited* (1964) il-*House of Lords* laqgħet talba tas-soċjetà attriċi (aġenti tar-reklamar) li fittxew lill-bank li kien irrapporta favorevolment dwar soċjetà klijenta tiegħu li falliet wara li l-istess bank kien iċċertifika li dik is-soċjetà kienet "*considered good for its ordinary business engagements*".

»Illi l-qorti hawn hekk introduċiet il-principju ta' *sufficient proximity* fis-sens li bejn l-att negliġenti u d-danni kawżati jrid ikun hemm din il-prossimità suffiċjenti. Dan huwa insenjament mhux wisq differenti minn dak adottat mill-qrati tagħna f'kawżi fejn jintalbu d-danni b'applikazzjoni tal-artikolu 1029 *et seqq.* tal-Kodiċi Ċivili, ara per eżempju sentenza riċenti tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet Maria Xuereb *v.* Anthony Taylor *et* deċiża fil-25 t'Ottubru 2013. F'din il-kawża fost affarijiet oħra ngħad illi:

> »"Fil-kawża Cassone *v.* Calamatta deċiża minn din il-Qorti fid-29 ta' Frar 2008, saru dawn l-osservazzjonijiet fir-rigward:
>
> > »"'Id-dottrina legali tagħti diversi definijzzonijiet ta' *culpa*; Carrara (*Parte Generale* Vol. I para. 80) jgħid hekk:
> >
> > > »"'"Si mutino come piace le formule, ma il tripode sul quale si asside la colpa sarà sempre questo

> > 1. volontarietà dell'atto, 2. mancata previsione dello effetto nocivo, (3) possibilità di prevedere."
>
> »"'Aktar ''l isfel eżattament fil-paragrafu 83, dan l-awtur jirribadixxi hekk:
>
> > »""… la essenza della colpa sta tutta nella pre-vedibilità"
>
> »"Prevedibilità din li trid tkun ta probabilità raġonevoli u mhux ta' possibiltajiet remotissimi u inverosimili (Vol. XLVIII-I-258.)"

»Illi fis-sentenza fl-ismijiet Cefalù *v. Crown Hotels Limited* (deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivli fis-26 t'April 2012) ukoll intqal illi "in linea ta' prinċipju jinsab enunċjat li: 'hu imprexxindibilment rikjest sabiex ikun hemm lok għad-danni li jkun hemm ness ta' kawżalità bejn il-fatt kolpevoli u l-konsegwenza dannuża' (Vol. XLIV-I-343)."

»Illi fil-kawża msemmija *Hedley Byrne and Co. Ltd v. Heller and Partners Limited* (1964), wieħed mill-Lords (Lord Morris) qal jgħid:

> »"I consider that it follows and that it should now be regarded as settled that if someone possessed of a special skill undertakes, quite irrespective of contract, to apply that skill for the assistance of another person who relies upon such skill, a duty of care will arise. The fact that the service is to be given by means of or by the instrumentality of words can make no difference. Furthermore, if in a sphere in which a person is so placed that others could reasonably rely upon his judgment or his skill or upon his ability to make careful inquiry, a person takes it upon himself to give information or advice to, or allows his information or advice to be passed on to, another person who, as he knows or should know, will place reliance upon it, then a duty of care will arise.
>
> »"I do not propose to examine the facts of particular situations or the facts of recently decided cases in the light of this analysis but I proceed to apply it to the facts of the case now under review. As I have stated, I approach the case on the footing that the bank knew that what they said would in fact be passed on to some unnamed person who was a customer of the *National Provincial Bank*. The fact that it was said that "they", that is, the *National Provincial Bank*, "wanted to know" does not prevent this conclusion. In these circumstances, I think some duty towards the unnamed person, whoever it was, was owed by the bank. There was a duty of honesty. The great question, however, is whether there was a duty of care. The bank need not have answered the inquiry from the *National Provincial Bank*. It appears, however, that it is a matter of banking convenience or courtesy and presumably of mutual business advantage that inquiries as between banks will be answered. The fact that it is most unlikely that the bank would have answered a direct inquiry from *Hedleys* does not affect the question as to what the bank must have known as to the use that would be made of any answer that they gave but it cannot be left out of account in considering what it was that the bank undertook to do. It does not seem to me that they undertook before answering an inquiry to expend time or trouble "in searching records, studying documents, weighing and comparing the favourable and unfavourable features and producing a well-balanced and well-worded report". (I quote the words of Pearson L.J. Nor does it seem to me that the inquiring bank (nor therefore their customer) would expect such a process.

> This was, I think, what was denoted by Lord Haldane in his speech in *Robinson v. National Bank of Scotland Ltd* when he spoke of a "mere inquiry" being made by one banker of another. In *Parsons v. Barclay & Co. Ltd* Cozens-Hardy M.R. expressed the view that it was no part of a banker's duty, when asked for a reference, to make inquiries outside as to the solvency or otherwise of the person asked about or to do more than answer the question put to him honestly from what he knew from the books and accounts before him. There was in the present case no contemplation of receiving anything like a formal and detailed report such as might be given by some concern charged with the duty (probably for reward) of making all proper and relevant inquiries concerning the nature, scope and extent of a company's activities and of obtaining and marshalling all available evidence as to its credit, efficiency, standing and business reputation. There is much to be said, therefore, for the view that if a banker gives a reference in the form of a brief expression of opinion in regard to credit-worthiness he does not accept, and there is not expected from him, any higher duty than that of giving an honest answer. I need not, however, seek to deal further with this aspect of the matter, which perhaps cannot be covered by any statement of general application, because, in my judgement, the bank in the present case, by the words which they employed, effectively disclaimed any assumption of a duty of care. They stated that they only responded to the inquiry on the basis that their reply was without responsibility. If the inquirers chose to receive and act upon the reply they cannot disregard the definite terms upon which it was given. They cannot accept a reply given with a stipulation and then reject the stipulation. Furthermore, within accepted principles (as illustrated in *Rutter v. Palmer*) the words employed were apt to exclude any liability for negligence.

»Illi sentenzi sussegwenti tal-qrati ingliżi li jistgħu jiġu ċitati f'dan is-sens huma *Home Office v. Dorset Yacht Co.* (1970), *White v. Jones* (1995) u *Henderson v. Merret Syndicates Limited* (1995) kollha deċiżi mill-Qorti tal-Appell .

»Illi l-qorti għalhekk trid tara jekk hemmx il-fatt kolpuż u jekk dan ikkawżax id-danni mitluba mill-attriċi.

»Illi dwar jekk kienx hemm fatt kolpuż din il-qorti kellha quddiemha żewġ esperti *ex parte* li wkoll xehdu quddiemha. Is-soċjetà attriċi pproduċiet rapport li sar f'kawża oħra (li dwaru l-Qorti tal-Appell aċċettat it-talba tagħha biex dan ir-rapport jiġi prodott) minn John Zarb li mbagħad kif ingħad xehed quddiem il-qorti.

»Illi s-Sur Zarb kien ċar ħafna fir-rapport u d-depożizzjonijiet tiegħu quddiem il-qorti u għalhekk il-qorti se tiċċita partijiet sostanzjali mill-*affidavit* li kien ħejja quddiem il-qorti (PCO ifisser [il-kumpannija debitriċi]):

> »"Fil-fehma tiegħi, il-mod ta' kif ġiet strutturata din it-tranżazzjoni poġġiet lil PCO f'pożizzjoni prekarja u żvantaġġata mill-bidu net tal-operat tagħha (*fol*. 29).
>
> »"PCO ġiet mgħobbija b'dejn ta' Lm2.6 miljun lejn il-kredituri tagħha. Dan id-dejn eċċeda l-istokk li ġie akkwistat b'Lm1.2 miljun. Dan il-bilanċ ta' Lm1.2 miljun, dejn ta' natura *short term* dovut lill-kredituri, kien però ntuża sabiex jiġu ffinanzjati assi ta' natura *long-term* bħal ma huma *plant* u makkinarju, u assi mhux

tanġibbli (*intangibles*), li kellhom jiġu ffinanzjati fuq bażi *long-term*, idealment permezz ta' kapitali. Fil-fehma tiegħi, il-finanzjament ma kellux isir b'dan il-mod, billi poġġa lil kredituri f'riskju żejjed (*fol.* 29).

»"Il-kredituri, li preżumibbilment ma kinux konxji ta' kif ġie strutturat u ffinanzjat il-Grupp, bdew ifornu lill-kumpannija l-ġdida fuq bażi ta' *credit*. Ir-rikavat mill-bejgħ mill-istokks li dawn il-kredituri kienu qed ifornu kellu jintuża sabiex jitħallsu l-ammonti rispettivi dovuti lilhom, apparti salarji u spejjeż oħra. Iżda l-ewwel Lm1.2 miljun ta' bejgħ kienu mill-bidu net intiżi sabiex jiffinanzjaw it-*take-over* – minflok il-kapital li l-azzjonisti kellhom jipprovdu inizjalment. Il-pjan finanzjarju kien jiddependi fl-intier tiegħu fuq qligħ prospettiv sabiex jimtela dak il-vojt (*fol.* 30).

»"Li kieku dan il-pjan iffunzjona, l-azzjonisti kienu jagħmlu qligħ sostanzjali minn fuq investiment baxx, u ċjoè dak ta' Lm101,000. Iżda dan il-kapital limitat ma pprovda ebda tip ta' fond li PCO setgħet tuża fil-każ illi l-qligħ prospettiv ma kienx iseħħ. Fid-dawl ta' dan, wieħed għandu, fil-fehma tiegħi, jasal biex jikkonkludi li l-konsegwenzi finanzjarji ta' falliment kienu maħsuba, sa mill-bidu nett, li jbatuhom il-kredituri (*fol.* 30).

»"Fil-fehma tiegħi, l-arranġamenti li spjegajt hawn fuq kienu, b'mod grossolan, imprudenti u irresponsabbli fir-rigward ta' PCO, b'riskju prinċipali għall-kredituri tal-kumpannija aktar milli b'riskju għall-azzjonisti. Dawn tal-aħħar kienu fit-triqthom li joħolqu negozju ta' *supermarkets* ta' proporzjon liema bħalu, kumpannija b'bejgħ annwali ta' Lm22 miljun u li kellha tiffaċċja bosta sfidi. Din l-impriża kienet teħtieġ:

»"Esperjenza u kompetenza maniġerjali. Dawn kienu serjament nieqsa mill-bidu nett. It-tim maniġerjali, jew almenu parti minnu, kien diġà sofra telf sostanzjali fir-rigward tal-operazzjoni ta' [*omissis*] , kif jidher mill-istatements finanzjarji tal-kumpannija [*omissis*] iżda minkejja dan, huma daħlu f'impriża ferm akbar, li għaliha ma kienux ippreparati. Qed nannetti ma' dan l-*affidavit* rapport li *PwC* għaddiet lill-kredituri f'Mejju 2001 u nimmarkah bħala Dokument C, liema dokument jispjega b'mod aktar dettaljat in-nuqqasijiet maniġerjali li, fil-fehma tiegħi, kienu jeżistu (*foll.* 30, 31).

»"Immedjatament wara l-akkwist, id-diretturi bdew jestendu l-perjodu ta' ħlas mogħtija mill-kredituri, u għaldaqstant ġew iġġenerati flejjes addizzjonali fuq bażi temporanja. Għalkemm PCO bdiet immedjatament topera agħar milli kien proġettat, il-pożizzjoni tagħha mil-lat ta' *cash* kienet posittivia billi l-bejgħ tagħha kien kollu f'kontanti, filwaqt li l-kredituri bdew jitħallsu aktar bil-mod. Sa Settembru 1998, l-għeluq tal-ewwel perjodu finanzjarju, id-diretturi sellfu Lm400,000 mill-fondi ta' PCO lill-kumpannija [*omissis*], permezz ta' liema kumpannija l-familja Gauci kienet tippossjedi l-ishma tagħha fil-Grupp [*omissis*] (*fol.* 33).

»"Il-*plant* u l-makkinarju (bejn wieħed u ieħor Lm292,000) u l-istokks tal-kumpannija sal-1 t'Ottubru 1998 ġew trasferiti lil PCO, u saret tpaċċija bi ħlas lill-kredituri minn PCO f'isem [*omissis*]. Għal darb'oħra, u immedjatament, PCO tpoġġiet f'pożizzjoni finanzjarja żvantaġġata għaliex hi kella tiffinanzja *long term fixed assets* billi terġa' tittardja l-ħlas lill-kredituri tagħha, minflok ma

kien hemm kapital ġdid investit mill-azzjonisti. Dan kollu kompla jgħakkes u jżid l-iżbilanċ fil-*cash flow* ta' PCO (*fol*. 34).

»"Madankollu, jirriżulta illi, qabel l-istralċ, PCO kienet ilha fi stat ta' insolvenza għal perjodu konsiderevoli ta' żmien, fis-sens illi l-passiv tagħha kien jeċċedi bil-kif l-assi tal-istess, kellha problema serja ħafna ta' nuqqas ta' *cash*, u ma kinitx f'pożizzjoni li tħallas id-dejn tagħha fil-ħin. Għalhekk, fil-fehma tiegħi, il-kumpannija ma kelliex prospett xieraq illi tevita li tiġi stralċjata minħabba l-insolvenza tagħha. Kien biss għaliex ħafna mill-kredituri qagħdu lura – fattur li, fil-fehma tiegħi, id-diretturi ma kellhom ebda dritt iserrħu fuqu – u minħabba li l-kredituri ġew inkoraġġati b'metodi oħra, illi n-negozju tal-kumpannija dam kemm fil-fatt dam (*fol*. 55).

»"Wieħed jista' realistikament jargumenta illi l-pożizzjoni ta' insolvenza kienet teżisti sa mill-bidu nett. Sakemm kellu jiġi ffurmat in-negozju kollu ta' PCO (li kellu jirriżulta minn negozju tal-[*omissis*]), kien ser ikun hemm xi telf u xi spejjeż li, fil-fehma tiegħi, kienu ser jeċċedu x-*share capital* ta' Lm101,000. *Di più*, id-*deficit* ta' *working capital* li assumiet il-kumpannija kien sostnut, fil-parti l-kbira tiegħu, minn assi mhux tanġibbli illi ma għandhom ebda valur rejaliżżabbli (*fol*. 55).

»"L-aspettattiva tad-diretturi illi l-ispejjeż u t-telf tal-*merger* inizjali kienu ser jiġu evitati – kif jidher mill-*business plans* li ġew ppreżentati lil banek f'dak iż-żmien – kienu, fl-opinjoni tiegħi, ottimisti żżejjed. Fil-fatt, fi żmien sitt xhur, sat-30 ta' Settembru 1998, in-negozju kien ġarrab telf (irrappurtat) ta' Lm74,000 meta mqabbel ma' qligħ ppjanat ta' Lm360,000. … … … it-telf li ġġarrab tassew għal dak il-perjodu seta' kien ta' ċirka Lm225,000. … … …

»"Ir-rapport ta' *Deloitte & Touche* ta' Ġunju 1999 (ara Dokument J) jikkumenta wkoll fuq ir-riżultati għall-perjodu ta' ħames xhur sat-28 ta' Frar 1999. Għal darb'oħra, f'dan il-perjodu kien hemm varjanzi negattivi meta mqabbla mal-pjanijiet tal-kumpannija; fil-fatt ir-riżultati li ġew rapportati kienu agħar minn dawk li kienu mistennija b'Lm351,000. Telf sostanzjali ġenerali kien qed jiġi mġarrab f'dan il-punt; il-kapitali tal-bidu ta' PCO kien ilu li spiċċa; u ħarsa għaqlija 'l quddiem kienet turi li l-kumpannija ma setgħetx tevita xoljiment minħabba l-insolvenza tagħha, mingħajr investiment kapitali sostanzjali (u tibdil f'fatturi oħra). Il-kumpannija baqgħet sal-aħħar turi varjanzi negattivi meta mqabbla mal-pjanijiet ottimisti u mhux rejalistiċi tagħha (*fol*. 57).

»"Ir-rapport ta' *Deloitte & Touche* ġie formalment ippreżentat lill-bord ta' PCO f'Ġunju 1999 in konnessjoni ma talba lill-bank għal finanzjament ulterjuri li ma ntlaqatx – il-Grupp kapitali addizzjonali u tmexxija ġdida kellu bżonn, mhux aktar self. Għalhekk dan kien mument meta d-diretturi kellhom iħarsu b'serjetà u fil-fond, forsi aktar minn mumenti oħra, lejn il-qagħda finanzjarja ta' PCO. It-talba lill-bank kienet ibbażata fuq previżjoni li l-kumpannija kienet sejra tara titjib materjali u li ser tagħmel profitti li, fil-fatt, qatt ma avveraw ruħhom; anzi, minn dan il-punt 'il quddiem, ir-rata ta' telf żdiedet. Fil-fehma tiegħi, dak iż-żmien, jiġifieri f'Ġunju tal-1999, u ċertament ftit wara, meta sar magħruf ir-rifjut tal-bank, kien – jew kellu jkun – ovvju li PCO kella avarija negattiva sostanzjali bejn il-passiv u l-attiv, u li kellha problemi ta' *cash flow* serjissimi tant li ma kellhiex prospetti xierqa li tevita xoljiment minħabba l-insolvenza tagħha (*fol*. 57).

»"Fil-*management accounts* ta' Frar 1999, il-kumpannija kienet qed turi telf ta' Lm346,000 kontra kapital ta' Lm101,000. Diġà kellha tieħu madwar Lm400,000 mingħand soċjetà relatata, [*omissis*], li kienet insolventi, u mhux qed topera. Id-diretturi kienu, jew kellhom ikunu, jafu li kien hemm inċertezzi sostanzjali dwar il-komputazzjoni tal-istokk u tal-*gross profit*. Però, anke jekk wieħed kellu jieħu l-valur tal-istokk u tad-debituri kif rappurtat fil-kotba, il-passiv kurrenti ta' PCO kien jeċċedi l-attiv kurrenti b'madwar Lm2,000,000. Li kieku wieħed kellu jagħmel tibdil fil-figuri neċessarju, fil-fehma tiegħi, biex jagħmel tajjeb għat-telf fl-istokk u d-debituri, allura l-avarija negattiva tkun iktar viċina għal Lm3,000,000. Barra minn hekk, il-*balance sheet* kien qed juri assi mhux tanġibbli li ma kellhom ebda valur rejalizzabbli. Il-kumpannija ma setgħetx tħallas id-djun tagħha fil-ħin; u fil-fatt il-perjodi li fihom kienet obbligata tħallas (il-*credit periods*) kienu qegħdin jiżdiedu b'mod sostanzjali, ħafna drabi unilateralment. Rapport ieħor dwar il-*management accounts* ta' PCO ta' Frar 1999 (Dokument K) li *Deloitte & Touche* għaddew lill-likwidatur (però li ma nafx min kitbu) jagħti stampa iktar rejalistika, u ferm inqas ottimista, minn dak ippreżentat lill-bank. Dan ir-rapport isemmi l-problemi serji ta' *cash flow* li PCO kienet ġiet assoġġettata għalihom; u jindika li l-*credit period* li kien qed jittieħed mingħand ħafna fornituri diġà żdied għal 120 ġurnata, u jinkludi s-segwenti kummenti:

> »"'The effects of this cash outflow are being felt during the current months of April and May 1999 as during these months December 98 invoices fall due for settlement. The result of this is a tighter and more dangerous cash flow management …"(*fol*. 58).

»"It-tieni *statutory accounts* li ġew ippubblikati minn PCO, flimkien mal-*consolidated accounts* għal PCH u s-sussidjarji tagħha, koprew is-sena sħiħa sat-30 ta' Settembru 1999 (ara Dokument G u L). Dawn għandhom importanza kbira għal numru ta' raġunijiet:

»"Fil-fehma tiegħi, ġà espressa hawn fuq, id-diretturi kellhom jirrealiżżaw sa Ġunju 1999, u ċertament sa ftit wara, meta l-bank ma laqax it-talba tagħhom, illi PCO kienet f'diffikultajiet finanzjarji serji u li ma kellha ebda prospett raġonevoli illi tevita li tiġi stralċjata minħabba fl-insolvenza tagħha. It-telf fin-negozju kien qiegħed jiżdied, il-flus kienu qed jiġu assorbiti minn trans-azzjonijiet oħrajn, u l-ħlasijiet lill-fornituri kienu kontinwament qed jaqgħu lura. L-i*statements* finanzjarji sa Settembru 1999 ġew prodotti f'dan il-kuntest" (*fol*. 62).

»"… … …

»"L-*opening balance sheet* ta' PCO, b'kapital ta' Lm101,000, kienet ta' kumpannija solventi. Però kif jidher ċar mill-iskeda f'paragrafu 11, Lm730,000 mill-assi akkiwstati mill-kumpannija kienu *intangibles* (*goodwill*, fil-forma ta' rigal fuq proprjetà mikrija fil-Marsa, *trade marks*, u ħlasijiet sostanzjali lis-Sur [*omissis*]). *Intangibles* ta' din in-natura għandhom ftit, jew kważi ebda, valur jekk il-kumpannija li tippossjedihom ma tagħmilx qligħ u tfalli, kif fil-fatt ġara. L-*intangibles* żiedu b'mod sostanzjali mal-posizzjoni ta' risku kbir li PCO tpoġġiet fiha mill-bidu nett. Kull telf li jeċċedi l-Lm101,000 kien ser jikkreja *balance sheet insolvency*, li, jekk jipproġetta ruħu fuq temp ta' żmien, kien ser inaqqas il-valur tal-*intangibles* u kwindi jinħoloq aktar telf.

»"Mill-figuri li jidhru hawn fuq eskludejt tibdil ieħor li potenzjalemnt kellu jsir fil-*financial statements* ta' PCO bħalma huma telf tal-assi intanġibbli (Lm718,000 sat-30 ta' Settembru 1999), il-valur ta' liema, fl-opinjoni tiegħi, kellu jiġi evalwat serjament fl-1999. Eskludejt anke dak it-telf li possibbilment seta' kien hemm fuq is-self li sar lil [*omissis*]. Nagħraf imma li seta' kien aktar diffiċli li tikkalkula dan ir-riskju partikolari fil-kumpilazzjoni tal-kontijiet finanzjarji ta' PCO għas-snin in kwistjoni".

»Il-qorti kienet sodisfatta mill-operat tas-Sur Zarb li kien hemm element ta' negliġenza da parti tal-konvenuti li seta' kien prevedibbli fil-kuntest tas-sentenzi mogħtija mill-qrati tagħna. Dwar dan ma hemmx għalfejn ta' wisq aktar dettalji għaliex ir-rapport kif ġà msemmi huwa ċar biżżejjed biex jindika lil min hu espert, bħalma indubbjament huma l-konvenuti, li kien hemm indikazzjonijiet ta' problem serji dwar l-operat tas-soċjetà [debitriċi]. Il-fatt li ftit xhur wara l-kumpanija kkrollat jitkellem waħdu, kif ngħidu bil-malti – jew, kif kienu jgħidu l-ġuristi antiki, *res ipsa loquitur.*

»Illi l-kwistjoni hija allura jekk kienx hemm ness dirett bejn dan u d-danni kawżati lis-soċjeta attriċi. Il-qorti, wara li eżaminat il-proċess, jidhrilha lis-soċjetà attriċi ma ħaditx hija stess il-kura neċessarja qabel ma tat aktar kreditu [lill-kumpannija debitriċi] u għalhekk il-ħsara, *non-ostante* dak li ġà ssemma, ġabitha fuqha hija stess. L-ewwelnett mid-deposizzjonijet tal-istess diretturi tas-soċjetà attriċi jidher li huma kienu jafu fiż-żmien indikat li kien hemm problemi serji fl-operat [tas-soċjeta debitriċi]. Carm Fenech (fl-*affidavit* tiegħu *a foll.* 237 sa 250 tal-proċess) per eżempju qal:

»"Nispjega illi jiena l-konsulent finanzjarju u riċentement direttur tas-soċjetà attriċi *Valle del Miele Ltd*, u ċjoè kumpannija li n-negozju tagħha jikkonsisti prinċipalment fil-qatla u il-bejgħ tat-tiġieġ frisk u ipproċessat.

»"Ngħid illi għal ħabta ta' Ottubru tas-sena 2000, issejjaħ *directors' meeting*, għal liema laqgħa jiena, konsulent, ġejt mitlub illi nattendi. Id-diretturi ta' *Valle del Miele Ltd* kienu mħassba ferm fir-rigward tal-kont pendenti illi kellha l-kumpannija [debitriċi], u ċjoè waħda mill-akbar klijenti tagħhom. Il-bilanċ dovut [mill-kum-pannija debitriċi] kien żdied b'mod allarmanti, u kien destinat illi jiżdied ferm aktar *stante* illi dak iż-żmien kienet faqqgħet il-*mad cow disease* bil-konsegwenza li l-ordnijiet [tal-kumpannija debit-riċi] għall-prodotti ta' *Valle del Miele Ltd* kien ser jiżdied b'mod sostanzjali. Fl-istess ħin, *nonostante* d-debitu kbir illi kellhom, id-diretturi [tal-kumpannija debitriċi] kienu qegħdin jitolbu illi jingħataw *further extended credit time* minn dak ta' 60 ġurnata oriġinarjament mogħti lilhom. Jiena ġejt mitlub sabiex fil-kwalità tiegħi ta' *accountant* professjonali u ta' konsulent finanzjarju ta' *Valle del Miele Ltd* nagħmel l-investigazzjonijiet neċessarji dwar il-qagħda finanzjarja [tal-kumpannija debitriċi], u sabiex susseg-wentement nirraporta lura lil *Valle del Miele* dwar il-konklużjonijet tiegħi, qabel ma tittieħed deċiżjoni dwar din ir-rikjesta [tal-kumpannija debitriċi].

»"Ngħid illi jiena għandi kumpanija ta' awdituri, u ċjoè *Carm A. Fenech & Co*. Tramite l-imsemmija kumpanija niżżilna bl-*internet* mingħand il-*Malta Financial Services Authority*, ġà *Malta Financial Services Centre*, kopja tal-*audited accounts* [tal-kumpannija

debitriċi] għall-perjodu bejn Ottubru 1998 u Settembru 1999. Minn eżami tal-imsemmija *audited accounts*, ikkonkludejt is-segwenti:

»"1. [il-kumpannija debitriċi] kienet sofriet telf ta' Lm184,698 wara *deferred taxation* ta' Lm79,943 u kellha *balance sheet deficit* ta' Lm150,125. La l-*accounts* u lanqas l-*auditors' report* m'aċċennaw għal dan u b'hekk, għar-raġunijiet li ser nagħti aktar 'il quddiem, wieħed seta' jikkonkludi li ma kienx hemm problemi ta' *going concern*;

»"2. l-istokk kien awmenta minn 1.8 miljun lira f'Settembru 1998 sa 3.1 miljun lira f'Settembru 1999;

»"3. it-*turnover* tal-kumpannija kien sploda minn 8.1 miljun lira għal 21.7 miljun lira. Kien hemm żieda fil-*gross profit margin* ta' minn 13.2% għal 14.9%;

»"4. kien hemm *deferred taxation asset* ta' Lm88,012 li jindika ċertu ottimizu li l-kumpanija kienet ser tirkupra l-ftit telf li sofriet fi żmien qasir;

»"5. la d-*directors' report* u wisq inqas l-*auditors' report* ma taw xi indikazzjoni li s-sitwazzjoni finanzjarja tal-kumpanija kienet pre-karja. Għall-kuntrarju, kif ser nispjega aktar tard, l-inklużjoni ta' d*eferred tax asset* ta' Lm88,012 kienet tindika li l-ftit telf li kien hemm sa 30 Settembru 1999 kien ser jiġi rkuprat fi żmien qrib.

»"Ngħid illi r-rakkomandazzjoni tiegħi lil *Valle del Miele Ltd* kienet illi qabel xejn kellhom jiġu avviċinati d-diretturi [tal-kumpannija debitriċi] biex tiġi stabbilita l-qagħda finanzjarja kurrenti tal-kumpannija billi kienu għaddew ħmistax-il xahar mill-*accounts* li kkunsidrajt jien. In effetti, f'Jannar tas-sena 2001, jiena flimkien ma' Paul Gauci l-*managing director* ta' *Valle del Miele Ltd* iltqajna ma' … wieħed mid-diretturi [tal-kumpannija debitriċi] ġewwa l-uffiċċju tiegħu f'Birkirkara biex niddiskutu t-talba tiegħu għal *extended credit*.

»"Ngħid illi jiena kkonfrontajt lill-imsemmi [direttur tal-kumpannija debitriċi] bl-*audited accounts* illi kont eżaminajt, u staqsejt jekk l-affarijiet kinux ammeljoraw mit-30 ta' Settembru 1999. Skond [id-direttur tal-kumpannija debitriċi], ma kellniex għalfejn nallarmaw ruħna dwar il-qagħda finanzjarja [tal-kumpannija debitriċi] għaliex il-kumpannija kienet sejra tajjeb, u, li kieku dan ma kienx vera-ment il-każ, id-diretturi [tal-kumpannija debitriċi] qatt ma kienu jaslu biex jieħdu d-deċiżjoni li jiftħu u jibdew joperaw ħames *supermarkets* oħra.

»"Ngħid ukoll illi d-direttur [tal-kumpannija debitriċi] infurmana li l-uniku problema tal-kumpannija f'dak il-perjodu kienet waħda ta' *cash flow*, iżda din kienet biss problema temporanja illi kienet fil-proċess li tiġi riżolta fi żmien qasir. *Inoltre*, huwa semma April – Ġunju tas-sena 2001 bħala l-perjodu illi fih [il-kumpannija debitriċi] kienu ser jerġgħu jirritornaw għal *credit time* oriġinali tagħhom, u ċjoè dak ta' 60 ġurnata, ma' *Valle del Miele Ltd*.

»"Għandu jingħad illi meta saret l-imsemmija laqgħa, u ċjoè f'Jannar tas-sena 2001, kienet infirxet sew il-*mad cow disease* bil-konsegwenza li l-bejgħ tal-laħam tal-majjal kif ukoll tal-laħam taċ-ċanga kien naqas drastikament, u minflok kienet kibret b'mod sostanzjali d-domanda għal-laħam tat-tiġieġ, u ċjoè l-prodott li tin-negozja fih is-soċjetà attriċi. Minħabba din id-domanda, *Valle del Miele Ltd* bdiet tbigħ il-prodotti tagħha lil klijenti ġodda. Dan kien

ifisser ukoll illi anke [l-kumpannija debitriċi] kienu ser iżidu l-ordnijiet tagħhom mingħand *Valle del Miele*. Jiena ħassejt illi kien ikun għalhekk fl-aħjar interess ta' *Valle del Miele* jekk tkompli tonora l-kuntratt illi kellha [mal-kumpannija debitriċi], u dana peress illi [l-kumpannija debitriċi] kienu ilhom jinnegozjaw ma' *Valle del Miele* għal żmien twil, bil-kuntrarju ta' klijenti ġodda. *Inoltre*, dak iż-żmien, [il-kumpannija debitriċi] kienu qed jiddominaw l-industrija tas-*supermarkets*.

»"Fuq il-bażi tal-konfort illi ħadt meta eżaminajt l-*audited accounts* u ta' dan li għadni kif spjegajt, jien issuġġerejt illi r-rikjesta [tal-kumpannija debitriċi], u ċjoè illi tingħata *further extended credit*, kellha tiġi akkolta. B'hekk ngħid illi [l-kumpannija debitriċi] kien ser ikollhom *credit time* assolut ta' disgħin ġurnata, minflok ta' sittin ġurnata kif oriġinarjament mogħti lilhom.

»"Bit-trapass taż-żmien, sar evidenti illi [l-kumpannija debitriċi] kienet għaddejja tabilħaqq minn problemi finanzjarji, u għalhekk jiena kkuntattjat lil … direttur ieħor [tal-kumpannija debitriċi] sabiex niltaqgħu fl-uffiċċju tiegħi ġewwa tas-Sliema sabiex niddiskutu l-pożizzjoni tal-kumpanija tiegħu. Però ngħid illi, anke f'din l-okkażjoni, intqal lili li l-problema kienet waħda temporanja ta' *cash flow* li kienet qed tiġi riżolta, u li kwindi *Valle del Miele* kellha tieħu ftit paċenzja sakemm s-sitwazzjoni ssolvi ruħha. Dan l-ottimiżmu min-naħa ta' diretturi [tal-kumpannija debitriċi] ġie anke mwassal u mxandar diversi drabi fil-medja.

»"Għall-ħabta ta' April tas-sena 2001, ħamsa mill-akbar kredituri [tal-kumpannija debitriċi] ingaġġaw lill-kumpanija *PricewaterhouseCoopers* sabiex, tinvestiga dwar il-pożizzjoni finanzjarja tal-istess [kumpannija debitriċi]. Ngħid illi d-diretturi [tal-kumpannija debitriċi] taw il-kunsens tagħhom għal tali investigazzjonijiet. Ngħid ukoll illi ftit żmien wara *PricewaterhouseCoopers* ikkuntattjaw lil *Valle del Miele Ltd* u talbuha sabiex iżżomm lura milli tieħu azzjoni legali kontra [l-kumpannija debitriċi] għal ħlas tal-ammonti dovuti lilha. L-għan ta' *PricewaterhouseCoopers* kien illi tipprova ssalva [lill-kumpannija debitriċi] qabel ma jiġi ddikjarat l-istat ta' falliment tal-istess [kumpannija debitriċi]. Għalhekk *PricewaterhouseCoopers* ħarġu bi pjan illi kull bejgħ magħmul [lill-kumpannija debitriċi] kien ser jiġi kkontrollat minn *PricewaterhouseCoopers*. *Inoltre*, ngħid illi kien hemm xnigħat illi [l-kumpannija debitriċi] kienet ser tinbigħ. Għaldaqstant, flimkien mal-kredituri l-oħra, *Valle del Miele* iddeċidew illi, qabel ma jieħdu passi legali, jikkonċedu żmien ulterjuri [lill-kumpannija debitriċi] sabiex tkun tista' tirkupra u taffettwa l-ħlasijiet dovuti minnha.

»"Mill-investigazzjoniijet magħmula minn *PricewaterhouseCoopers* deher ċar illi:

»"i. sa Diċembru tas-sena 2000 [il-kumpannija debitriċi] kienet għamlet telf ta' tliet miljun lira;

»"ii. qatt ma kien sar *interim* jew *annual stock taking* kemm kienet ilha topera l-kumpannija, u allura dan kien ifisser illi l-*audited accounts* kienu nħarġu fuq valuri fittizji;

»"iii. kien hemm probabilità kbira li s-self ta' miljun lira magħmul [mill-kumpannija debitriċi] a favur ta' *related companies* ma kinux ser jiġu rkuprati u dana peress illi tali self kien sar mingħajr ebda garanzija ta' ħlas;

»"iv. għaldaqstant in-negozju [tal-kumpannija debitriċi] kien sar b'nuqqas kbir ta' professjonalità u b'mod irrisponsabbli għall-aħħar.

»"Kien f'dan l-istadju illi *Valle del Miele* indunaw illi d-diretturi [tal-kumpannija debitriċi] kif ukoll l-awdituri li ffirmaw l-*accounts* mingħajr kwalifika kienu qarrqu bihom.

»"Ngħid illi flimkien ma' Edward Fenech, u ċjoè direttur ieħor ta' *Valle del Miele* u *partner* fil-kumpanija tiegħi *Carm A. Fenech & Co*, iltqajna ma' John Bonello, u ċjoè kap ta' *Pricewaterhouse-Coopers* u ssuġġerejna illi kellha tittieħed azzjoni *sia* kontra d-diretturi kif ukoll kontra l-awdituri [tal-kumpannija debitriċi]. L-imsemmi John Bonello qabel magħna illi eventwalment kienu ser jittieħdu passi legali kontra l-kumpannija, però ma qabilx magħna dwar il-fatt illi kellha tinfetaħ kawża kontra l-awdituri tagħha wkoll, peress illi ma xtaqux jieħdu passi kontra kollegi professjonali bħalhom. *Inoltre*, huwa kkonferma illi l-Ministru tal-Finanzi kien ta rakkomandazzjoni lil *PricewaterhouseCoopers* fis-sens illi kellhom jiġu eżawriti l-possibilitajiet kollha ta' rkupru [tal-kumpannija debitriċi] qabel ma l-kredituri jieħdu kwalunkwe tip ta' azzjoni.

»"Ngħid illi kien f'Ġunju tas-sena 2001 illi *Valle Del Miele* waqfet tissuplixxi [lill-kumpannija debitriċi] bil-prodotti tagħha. Dan *nonostante*, *Valle del Miele* ddeċidiet illi tistenna għal perjodu ulterjuri ta' erba' xhur qabel ma tieħu azzjoni. Però ngħid illi għal ħabta ta' Novembru 2001 kien jidher ċar illi kull possibilità ta' rkupru jew ta' bejgħ [tal-kumpannija debitriċi] kienet sfaxxat fix-xejn, u kien għalhekk li *Valle del Miele Ltd* inizjat proċeduri legali biex titħallas lura d-debitu dovut lilha. Ngħid illi nfetħet kawża *sia* kontra d-diretturi [tal-kumpannija debitriċi], *sia* kontra l-awdituri tal-istess."

»Illi *a fol.* 484, tal-proċess, Carm Fenech qal ukoll (f'kawza oħra li l-atti tagħha ġew prodotti):

»"Ngħid illi jien kkonfrontajt lill-imsemmi [direttur tal-kumpannija debitriċi] bl-*audited accounts* illi kont eżaminajt u staqsejtu jekk l-affarijiet kienx ameljoraw mit-*30th September 1999*. Skond [id-direttur tal-kumpannija debitriċi] ma kelniex għalfejn nallarmaw ruħna dwar il-qagħda finanzjarja [tal-kumpannija debitriċi] għaliex il-kumpannija kienet sejra tajjeb, u li kieku dan ma kienx verament il-każ id-diretturi [tal-kumpannija debitriċi] ma kinux jaslu biex jieħdu d-deċiżjoni li jiftħu u jibdew joperaw ħames *supermarkets* oħra. Ngħid ukoll illi [direttur tal-kumpannija debitriċi] infurmana li l-uniku problema tal-kumpanija kienet waħda ta' *cash flow* iżda din kienet problema temporanja illi kienet fil-proċess li tiġi riżolta fi żmien qasir. *Inoltre* huwa semma April-Ġunju tas-sena 2001 bħala l-perjodu illi fih [il-kumpannija debitriċi] kienu ser jerġgħu jirritornaw għall-*credit limit* oriġinali tagħhom, u ċjoè 60 ġurnata, ma' *Valle Del Miele Limited*. Għandu jingħad illi meta saret l-imsemmija laqgħa, u ċjoè f'Jannar tas-sena 2001, kienet infirxet sew il-*mad cow disease* bil-konsegwenza li l-bejgħ tal-laħam tal-majjal kif ukoll tal-laħam taċ-ċanga kien naqas drastikament u minflok kienet kibret b'mod sostanzjali d-domanda għal-laħam tat-tiġieġ, u ċjoè l-prodott li tinnegozja fih is-soċjetà attriċi. Minħabba din id-domanda, *Valle Del Miele Limited* bdiet tbiegħ il-prodotti tagħha lil klijenti ġodda. Dan kien ifisser ukoll illi anke [l-kumpannija debitriċi] kienu ser iżidu l-ordnijiet tagħhom mingħand *Valle Del Miele Limited*. Jien ħassejt illi kien ikun għalhekk fl-aħjar

> interess ta' *Valle Del Miele Limited* jekk tkompli tonora l-kuntratt illi kellha [mal-kumpannija debitriċi], u dana peress illi [l-kumpannija debitriċi] kienu ilhom jinnegozjaw ma' *Valle Del Miele Limited* għal żmien twil, bil-kuntrarju ta' klijenti ġodda. Inoltre, dak iż-żmien [l-kumpannija debitriċi] kienu qed jiddominaw l-industrija tas-*supermarkets*.
>
> »"... ... ...
>
> »"Fuq il-bażi ta' dan, għalhekk, issuġġerejt illi r-rikjesta [tal-kumpannija debitriċi], u ċjoè illi tingħata *further extended credit*, kellha tiġi akkolta. B'hekk ngħid illi [l-kumpannija debitriċi] kien ser ikollhom *credit time* assolut ta' disgħin ġurnata, minflok ta' sittin ġurnata, kif oriġinarjament mogħti lilhom."

»Illi dan jindika li d-diretturi tas-soċjetà attriċi kienu jafu bil-problemi u, filwaqt li huwa minnu li l-*accounts* ma kinux jirrispekkjaw għal kollox is-sewwa, huma iddeċidew li jieħdu riskju u jkomplu jagħtu kreditu għal somom kbar. F'każ bħal dan huma messhom inkarigaw espert huma stess u mhux joqogħdu fuq l-awdituri tal-istess soċjetà debitriċi. Anke l-qrati ingliżi ħadu din il-pożizzjoni fil-kawża *Caparo Industries plc v. Dickman* deċiża fl-1990 mill-Qorti tal-Appell; dan kien każ fejn l-atturi xtraw il-maġġoranza tal-ishma f'soċjetà wara li eżaminaw l-*accounts* imħejjin mill-konvenuti fejn il-profitti kienu ġew minfuħa. Il-qorti irriteniet illi: *"the bidder could have paid for and done its own audit. Consequently there was neither a relationship of proximity nor was it fair, just and reasonable to make the auditor liable for the lost sums of money that the takeover incurred*".

»Illi għalhekk il-qorti, kif ġà msemmi, tħoss li ma kienx hemm f'dan il-każ kawża biżżejjed prossima bejn in-nuqqas tal-konvenuti u d-danni effettivament kaġunati lis-soċjetà attriċi.«

10. Minn din is-sentenza appellaw kemm l-attriċi u kemm il-konvenuti, li appellaw ukoll mis-sentenza preliminari. Billi, jekk jintlaqgħu l-appelli tal-konvenuti – li jolqtu r-responsabilità tagħhom – l-appell tal-attriċi ma jibqax relevanti, il-qorti sejra tibda billi tqis l-appelli tal-konvenuti.

11. L-ewwel aggravju tal-appell tal-konvenuti jolqot is-sentenza preliminari fejn din ċaħdet l-eċċezzjoni li l-konvenuti kellhom jinħelsu mill-ħarsien tal-ġudizzju billi ma hemm ebda relazzjoni ġuridika bejn il-partijiet.

12. Fl-ewwel parti ta' dan l-aggravju l-konvenuti jgħidu illi, għalkemm l-ewwel qorti straħet fuq *dissenting opinion* ta' Lord Denning fil-każ ta'

_Candler_, ma qisitx silta li turi li l-konvenuti għandhom jinħelsu mir-responsabilità:

> »… … … , to whom do these professional people owe this duty? I will take accountants, but the same reasoning applies to the others. They owe the duty, of course, to their employer or client; and also I think to any third person to whom they themselves show the accounts, or to whom they know their employer is going to show the accounts, so as to induce him to invest money or take some other action on them. But I do not think the duty can be extended still further so as to include strangers of whom they have heard nothing and to whom their employer without their knowledge may choose to show their accounts. Once the accountants have handed their accounts to their employer they are not, as a rule, responsible for what he does with them without their knowledge or consent.«

13. Ikomplu jfissru l-aggravju hekk:

> »Mela anke skond ma kiteb Lord Denning fid-*dissenting opinion* tiegħu li fuqu tant straħet l-ewwel qorti, il-konvenuti appellanti ma kellhom ebda dmir lejn u allura ebda rapport ġuridiku legali mas-soċjetà appellata billi din la inkarigat lill-appellanti, la kienet klijenta tagħhom, la l-appellanti kienu jafu jew jobsru li kienet ser tistriħ fuq l-*audited financial statements* biex testendi kreditu [lill-kumpannija debitriċi], jew li [l-kumpannija debitriċi] kienet sejra turi jew uriet lilha dawn il-*financial statements* biex testendi aktar kreditu kif ukoll l-appellanti infushom qatt ma rrendew dawn il-*financial statements* disponibbli ghall-attrici appellata biex għab-bażi taghhom l-appellata testendi kreditu [lill-kumpannija debitriċi]. Għalhekk isegwi li lanqas dak li kiteb Lord Denning, u li fuqu straħet l-ewwel qorti ma jwassal għall-konklużjoni li waslet għaliha l-ewwel qorti fis-sentenza preliminari tagħha.«

14. Ikomplu jgħidu illi l-ġurisprudenza ingliża wara _Candler_ kompliet żviluppat fis-sens li “r-responsabilità tal-awdituri versu terzi persuni għandha tkun limitata għal ċerti każi ristretti ħafna. … … … m’huwiex raġonevoli li membri tal-pubbliku jistrieħu fuq *audit report* biex jinvestu jew biex jestendu l-kreditu lejn kumpannija, għaliex b’hekk ir-responsabilità tiġi li tkun waħda indeterminata u dan mhux ġuridika-ment san u sensibbli. … … … id-dmirijiet tal-awdituri ma jestendux għal persuni li huma ma jafux u li magħhom ma kellhom l-ebda relazzioni ta’ prossimità. … … …”.

15. Il-qorti tosserva qabel xejn illi l-każ tallum ma huwiex regolat b'dak li qal *Lord Denning* u b'kemm qablu jew ma qablux miegħu sħabu, jew b'dak li jgħid il-*common law*, iżda fuq il-liġi domestika dwar respons-abilità ċivili u fuq il-prinċipju ta' *bona fides* li huwa l-qofol tad-dritt ċivili. Relevanti wkoll f'dan il-kuntest huwa l-art. 179 tal-Kap. 386 li jimponi obbligu statutorju ta' pubblikazzjoni tal-kontijiet tal-kumpannija u tar-rapport tal-awditur. Fiż-żmien relevanti dan l-artikolu kien igħid hekk:

> »**179.** (1) L-awdituri ta' kumpannija għandhom jagħmlu rapport lill-membri tal-kumpannija fuq il-kontijiet annwali kollha tal-kumpannija li kopji tagħhom jitqiegħdu quddiem il-kumpannija f'laqgħa ġenerali waqt iż-żmien tal-kariga tagħhom.
>
> »(2) Ir-rapport tal-awdituri għandu jsir skond l-*International Standards on Auditing* u għandu jkun fih dikjarazzjoni jekk fil-fehma tal-awdituri l-kontijiet annwali jkunux tħejjew sewwa skond dan l-Att, u b'mod partikolari jekk jurux stat sewwa u xieraq -
>
> »(*a*) fil-każ ta' karta tal-bilanċ individwali, tal-qagħda tal-kumpannija fl-aħħar taż-żmien tal-kontijiet;
>
> »(*b*) fil-każ ta' kont individwali ta' qligħ u telf, tal-qligħ jew telf tal-kumpannija għaż-żmien tal-kontijiet;
>
> »(*ċ*) fil-każ ta' kontijiet konsolidati, tal-qagħda fl-aħħar taż-żmien tal-kontijiet, u l-qligħ jew telf għaż-żmien tal-kontijiet, tal-impriżi li jkunu inklużi fil-konsolidazzjoni bħala oġġett sħiħ, safejn ikun jolqot il-membri tal-kumpannija.
>
> »(3) L-awdituri għandhom jikkonsidraw jekk it-tagħrif mogħti fir-rapport tad-diretturi għaż-żmien tal-kontijiet li għalih jitħejjew il-kontijiet annwali jkunx jaqbel ma' dawk il-kontijiet; u jekk ikunu tal-fehma li dawn ma jkunux għandhom jiddikjaraw dan il-fatt fir-rapport tagħhom.
>
> »(4) Ir-rapport tal-awdituri għandu jiddikjara l-ismijiet tal-awdituri u jkun iffirmat u datat minnhom.
>
> »(5) Kull kopja tar-rapport tal-awdituri li titqiegħed quddiem il-kumpannija f'laqgħa ġenerali, jew li xort'oħra tkun ċirkolata, pubblikata jew maħruġa, għandha turi l-isem jew l-ismijiet tal-awdituri.
>
> »(6) Il-kopja tar-rapport tal-awdituri li tkun konsenjata lir-Reġistratur għandha turi l-ismijiet tal-awdituri u tkun iffirmata minnhom.
>
> »(7) Jekk kopja tar-rapport tal-awdituri -
>
> »(*a*) titqiegħed quddiem il-kumpannija, jew xort'oħra tkun ċirkolata, pubblikata jew maħruġa, mingħajr ma jintwerew l-ismijiet tal-awdituri kif meħtieġ; jew
>
> »(*b*) tkun konsenjata lir-Reġistratur mingħajr ma jintwerew l-ismijiet tal-awdituri kif meħtieġ jew mingħajr ma tkun

iffirmata kif meħtieġ b'dan l-artikolu, kull uffiċjal tal-kumpannija li jkun naqas jista' jeħel penali.

»(8) Riferenzi f'dan l-artikolu għal firma mill-awdituri jirreferu, meta l-kariga ta' awditur tkun miżmuma minn soċjetà, għall-firma tas-soċju jew soċji individwali li jiffirmaw f'isem is-soċjetà u awtorizzati li jiffirmaw f'isimha.

»(9) Awdituri ta' kumpannija għandhom, fit-tħejjija tar-rapport tagħhom, jagħmlu dak l-istħarriġ sabiex ikunu jistgħu jifformaw opinjoni dwar -

»(*a*) jekk inżammux *records* xierqa tal-kontijiet mill-kumpannija u li jkunu rċevew minn fergħat li ma jkunux żaru prospetti xierqa li jkunu biżżejjed għall-verifika tagħhom, u

»(*b*) jekk il-kontijiet individwali tal-kumpannija jkunux jaqblu mar-*records* u mal-prospetti tal-kontijiet.

»(10) Jekk l-awdituri jkunu tal-fehma li ma jkunux inżammu *records* xierqa tal-kontijiet, jew li ma jkunux irċevew minn fergħat li ma jkunux żaru prospetti xierqa li jkunu biżżejjed għall-verifika tagħhom, jew jekk il-kontijiet individwali tal-kumpannija ma jkunux jaqblu mar-*records* u mal-prospetti tal-kontijiet, l-awdituri għandhom jiddikjaraw dan il-fatt fir-rapport tagħhom.

»(11) Jekk l-awdituri ma jirnexxilhomx jiksbu t-tagħrif u l-ispjegazzjonijiet kollha li, skond l-aħjar tagħrif u twemmin tagħhom, ikunu meħtieġa għall-finijiet tal-verifika tagħhom, dawn għandhom jiddikjaraw dan il-fatt fir-rapport tagħhom.

»(12) Jekk il-ħtiġiet tal-paragrafu (*o*) tal-artikolu 31 tat-Tielet Skeda li tinsab ma' dan l-Att ma jkunux tħarsu fil-kontijiet annwali, l-awdituri għandhom jinkludu fir-rapport tagħhom, safejn b'mod raġonevoli jkunu jistgħu jagħmlu hekk, dikjarazzjoni li tagħti l-partikolaritajiet meħtieġa.

»(13) F'dan l-artikolu, *International Standards on Auditing* tirreferi għall-i*standards* approvati mill-kunsill tal-*International Federation of Accountants*, imwaqqaf fl-*International Congress of Accountants* fi Munich fl-1977, kif minn żmien għal żmien jistgħu jkunu emendati.«

16. Dan l-artikolu jrid illi r-rapport tal-awdituri dwar il-qagħda tal-kumpannija jsir lill-membri tal-kumpannija; l-art. 180 imbagħad igħid illi d-detenturi tal-obbligazzjonijiet tal-kumpannija u l-persuni li jkollhom il-jedd li jirċievu avviż ta' laqgħat ġenerali tal-kumpannija wkoll għandhom jedd għal kopja tal-kontijiet ta' kull sena tal-kumpannija. Il-kredituri, iżda, sakemm ma jkunux detenturi tal-obbligazzjonijiet (*debentures*) tal-kumpannija, ma jissemmewx fost dawk li lilhom isir ir-rapport.

17. Madankollu huwa relevanti wkoll l-art. 183 li jgħid hekk:

> »**183.** (1) Id-diretturi ta’ kumpannija għandhom jikkonsenjaw lir-Reġistratur għar-reġistrazzjoni kopja tal-kontijiet annwali tal-kumpannija mqiegħda quddiem il-kumpannija f’laqgħa ġenerali … flimkien ma’ kopja tar-rapport tal-awdituri dwarhom, … … …«

18. L-art. 401(1)(*f*) imbagħad igħid illi r-Reġistratur tal-Kumpanniji għandu d-dmir:

> »li jagħti kopji, kopji ċertifikati jew kopji verifikati u ċertifikati ta’ dokumenti reġistrati skond dan l-artikolu mal-ħlas tad-dritt preskritt lil xi persuni li titlobhom;«

19. Fost id-dokumenti “reġistrati skond dan l-artikolu” hemm dawk imsemmija fl-art. 401(1)(*d*):

> »… … … kull dokument li jkun meħtieġ li jiġi konsenjat jew mogħti jew notifikat lilu għal reġistrazzjoni skond xi waħda mid-disposizzjonijiet ta’ dan l-Att;«

20. Il-konvenuti mela kienu jafu li r-rapport minnhom imħejji u l-kontijiet tal-kumpannija debitriċi minnhom approvati kienu sejrin ikunu disponibbli għall-pubbliku. Kienu jafu wkoll jew kellhom ikunu jafu – għax eżaminaw l-kontijiet – illi s-soċjetà attriċi kienet fost il-kredituri tal-kumpannija debitriċi għal somma mhix traskurabbli, u għalhekk kellu jkun prevedibbli li din ikollha interess speċjali u speċifiku, u mhux biss l-interess tal-pubbliku ġenerali, li tqis il-kontijiet u r-rapport tal-awdituri għal-għanijiet tar-relazzjoni kummerċjali tagħha mal-kumpannija debitriċi.

21. Għalhekk, l-ewwelnett l-osservazzjoni tal-konvenuti illi “l-appellanti infushom qatt ma rrendew dawn il-*financial statements* disponibbli ghall-attrici” ma hijiex korretta, għax kienu jafu illi d-dokumenti, wara li jkun reġistrati mar-Reġistratur tal-Kumpanniji, ikunu disponibbli għall-

pubbliku, u wkoll l-asserzjoni tal-konvenuti illi "d-dmirijiet tal-awdituri ma jestendux għal persuni li huma ma jafux" għandha tinqara fil-kuntest li kienu jafu lis-soċjetà attriċi bħala kreditriċi tal-kumpannija debitriċi għal somma mhix żgħira u kienu jafu wkoll għalhekk bl-interess speċjali li din seta' jkollha fil-kontjiet tal-kumpannija u fir-rapport tal-awdituri dwarhom. Dan il-fatt iwieġeb għall-preokkup-azzjoni tal-konvenuti illi "b'hekk ir-responsabilità tiġi li tkun waħda indeterminata[1] u dan mhux ġuridikament san u sensibbli": is-soċjetà attriċi tappartjeni għal kategorija ristretta ta' persuni – il-kredituri – li għandhom interess konkret li jkunu jafu l-qagħda finanzjarja tal-kum-pannija debitriċi u li l-konvenuti kellhom il-mezz li jkunu jafu min huma.

22. Wara kollox, l-obbligu statutorju tal-pubblikazzjoni tal-kontijiet u tar-rapport ma huwiex maħsub biex titħares formalità iżda wkoll fl-interess ta' terzi li jkollhom relazzjonijiet mal-kumpannija biex il-kumpannija ma titħalliex tqarraq bihom, kif jidher ampjament li ġara f'dan il-każ. L-awdituri għalhekk għandhom ukoll dmirijiet lejn dawn it-terzi – fosthom l-attriċi – biex xogħolhom jagħmluh bil-għaqal u hekk jassikuraw illi l-kontijiet minnhom approvati u r-rapport tagħhom ikunu ta' min joqgħod fuqhom. Li kieku d-dmir tal-awdituri kien biss lejn il-membri tal-kumpannija, ir-reġistrazzjoni li jrid l-art. 401 tal-Kap. 386 ma kinitx tkun meħtieġa, għax kien ikun biżżejjed ir-rapport lill-membri taħt l-art. 179.

23. Il-konvenuti jgħidu wkoll illi hija r-responsabilità tad-diretturi tal-kumpannija, u mhux responsabilità tagħhom, li jħejju l-kontijiet, u illi,

---

1 *Cf.* "*a liability in an indeterminate amount for an indeterminate time to an indeterminate class*", Ultramares Corporation v. Touche, 174 N.E. 441 (1932).

f'kull każ, il-kontijiet li fuqhom straħet l-attriċi kienu skaduti u għalhekk mhux ta' min joqgħod fuqhom:

> »… … … [Lis-soċjetà attriċi] dehrilha, fil-fehma tagħha, illi l-*accounts* ippreparati mid-diretturi u r-rapport tal-awdituri "kienu juru stampa ottimista" u "ddeċidiet li tkompli tissupplixxi" [lill-kumpannija debitriċi]. Apparti li r-responsabilità għat-tħejjija tal-*accounts* mhijiex tal-awdituri iżda tad-diretturi tas-soċjetà, l-esponenti appellanti ma kellhom l-ebda ħjiel, konoxxenza jew kontroll fuq dak li kienet iddeċidiet li tagħmel is-soċjetà attriċi appellata. Il-konvenuti appellanti ma kellhom ebda ħjiel, konoxxenza jew involvement tal- jew fil-laqgħat li saru bejn id-diretturi [tal-kumpannija debitriċi] rigward il-posizzjoni xejn sabiħa riflessa fl-*accounts* tas-sena 30 Settembru 1999.
>
> »Mhix kredibbli l-allegazzjoni tas-soċjetà appellata li straħet fuq l-*audited financial statements* li kienu jirriflettu s-sitwazzjoni kif kienet fit-30 ta' Settembru 1999, għas-sempliċi raġuni li l-*audited accounts* kienu skaduti. … … …«

24. Huwa minnu li l-kontijiet jitħejjew mid-diretturi iżda huwa d-dmir u hija r-responsabilità tal-awdituri li jivverifikaw dawk il-kontijiet u igħidu humiex ta' min joqgħod fuqhom: għalhekk il-liġi[2] tqiegħed fuqhom l-obbligu statutorju illi jagħmlu "dikjarazzjoni jekk fil-fehma tal-awdituri l-kontijiet annwali jkunux tħejjew sewwa … u b'mod partikolari jekk jurux stat sewwa u xieraq" tal-karta bilanċjali u tal-kontijiet. Natural-ment, xorta jibqa' d-dmir fuq il-kreditur li jieħu parir minn esperti mqabbda minnu – kif jidher ukoll li ġara f'dan il-każ – qabel ma jieħu d-deċiżjoni jkomplix bir-relazzjoni kummerċjali mal-kumpannija, iżda bħala bażi għal dan il-parir jista' joqgħod fuq il-premessa tal-korrettezza oġġettiva tal-kontijiet, li hija l-presuppost fattwali li fuqu jitfassal il-parir. Il-kreditur bilfors ikollu joqgħod fuq din il-premessa għax ma għandux aċċess għall-kotba tal-kumpannija bħalma għand-hom l-awdituri, aċċess li jagħmilha possibbli għall-awdituri li jiv-

---

[2] Kap. 386, art. 179(2).

verifikaw il-kontijiet u hekk ikunu jistgħu jagħmlu d-dikjarazzjoni statutorja msemmija fuq

25. Dwar l-osservazzjoni li l-kontijiet u r-rapport kienu "skaduti", il-qorti tosserva illi dawn id-dokumenti kienu pubblikati fit-13 ta' Settembru 2000, għalkemm jirreferu għas-sena li għalqet fit-30 ta' Settembru 1999. Għalhekk mhux biss kienu l-aħħar kontijiet u rapport li bihom setgħet tinqeda l-attriċi iżda wkoll ma kinux daqshekk imbiegħda fiż-żmien. L-argument tal-konvenuti hu illi l-kontijiet u r-rapport kienu ġà skaduti meta ġew pubblikati, u li għalhekk setgħu ma ġew pubblikati xejn, li hu assurd. Barra minn hekk, hemm ukoll il-kwistjoni jekk, ġà fl-1999 u sa mill-bidunett, l-istruttura kapitali tas-soċjetà debitriċi ma kinitx waħda sostenibbli, u jekk dan kellux ikun evidenti għall-awdituri u kellux jiġi senjalat minnhom. Din hija kwistjoni li nqisuha aktar 'il quddiem.

26. Billi, għar-raġunijiet mogħtija fuq, l-elementi kemm ta' prossimità u kemm ta' prevedibilità huma preżenti, dan l-aggravju tal-konvenuti huwa miċħud.

27. Ngħaddu għat-tieni aggravju li ġie mfisser hekk:

> »… … … aggravju ieħor jirrigwarda ċ-ċaħda tat-tieni eċċezzjoni rigward (a) l-intempestività tal-azzjoni billi f'dak iż-żmien is-soċjeta attriċi appellanti ma kienet għadha sofriet l-ebda ħsara u (b) in-nuqqas ta' interess ġuridiku li tippromwovi azzjoni bħal din merament ipotetika u mhux reali. *Di più* l-attriċi appellata kienet ukoll istitwiet proċeduri kontra d-diretturi [tas-soċjeta debitriċi] li kienet fi stralċ. Waħda mill-funzjonijiet tal-istralċjarju hija li jippreserva l-assi sabiex ikunu jistgħu jitħallsu l-kredituri. Konsegwentement, huwa kontrosens li s-soċjetà attriċi azzjonat lill-awdituri għad-danni qabel jew minflok jew filwaqt illi qiegħda tikkonkorri bħala kreditrici tal-kumpanija [debitriċi]. Jiġi ribadit li din il-kawża kellha tieqaf mas-sentenza preliminari tal-ewwel qorti u l-fatt li fis-sentenza finali l-ewwel qorti sabet li ultimament l-attriċi

appellata ma sofriet ebda danni kawżati mill-konvenuti appellanti jikkonferma kemm tassew hekk kellu jkun.«

28. Iż-żewġ eċċezzjonijiet ta' intempestività u ta' nuqqas ta' interess ġuridiku huma marbuta flimkien. Ukoll jekk, kif igħidu l-konvenuti, l-attriċi meta fetħet il-kawża ma kellhiex interess ġuridiku fit-talba għad-danni għax kienet għadha ma ġarrbet ebda danni, ċertament kellha interess tikseb dikjarazzjoni ta' responsabilità tal-konvenuti biex tkun tista' toqgħod fuq dik id-dikjarazzjoni 'l quddiem meta tiġi biex tfittex għad-danni[3]. Kellha wkoll iżda interess fit-talba għal-likwidazzjoni u ħlas tad-danni għax il-probabilità ġà dak iż-żmien kienet ċara illi l-attriċi ma hijiex sejra tiġbor flusha mingħand il-kumpannija debitriċi. Il-fatt illi fis-sentenza finali nstab li d-danni li ġarrbet l-attriċi ma humiex danni li għalihom iwieġbu l-konvenuti ma jibdilx dan il-fatt, mhux biss għax sar ukoll appell tal-attriċi minn dik il-parti tas-sentenza, iżda wkoll għax l-ewwel qorti waslet għal dik il-konklużjoni wara li qieset ix-xiehda u mhux, kif jippretendu l-konvenuti, bis-saħħa ta' eċċezzjoni preliminari.

29. Dan l-aggravju wkoll huwa għalhekk miċħud, u l-qorti għal dawn ir-raġunijiet tiċħad l-appell mis-sentenza preliminari u tikkonferma dik is-sentenza.

30. Il-konvenuti appellaw ukoll minn dik il-parti tas-sentenza finali illi sabet illi mxew b'nuqqas ta' għaqal fil-qadi tad-dmirijiet tagħhom.

---

3 Ara *e.g.* Lorenzo Quintano *v.* Giuseppe LaRosa DeCristoforo, App. 11 ta' Frar 1916, Koll. XXIII-I-762.

31. Il-konvenuti jiftħu l-appell tagħhom mis-sentenza finali billi jgħidu illi "ma tistax tissussisti negliġenza mingħajr danni u danni mingħajr negliġenza".

32. Tassew illi ma jistax ikun hemm responsabilità għal danni meta danni ma hemmx, iżda dak li jgħidu l-konvenuti ma huwiex korrett. In-negliġenza u d-danni, marbuta flimkien bir-rabta tal-kawżalità, huma l-elementi għar-responsabilità *ex delicto vel quasi*, iżda jibqgħu elementi magħżula minn xulxin u għalhekk irid isir stħarriġ dwar it-tnejn. Li jista' jingħad hu li ma hemmx responsabilità fejn ma hemmx (i) negliġenza jew *dolus* (ħlief fil-każijiet li l-liġi tiddisponi li jkun hemm responsabilità wkoll mingħajr ħtija), (ii) danni, u (iii) rabta kawżali bejn it-tnejn, iżda ma tistax tgħid, kif igħidu l-konvenuti, li ma hemmx negliġenza mingħajr danni.

33. Barra minn hekk, ma huwiex il-każ li l-attriċi ma ġarrbitx danni. Id-danni ġarrbithom għax ħalliet li jkompli jikber id-dejn li l-kumpannija debitriċi kellha magħha. Lanqas is-sentenza finali ma tgħid li l-attriċi ma ġarrbitx danni: li tgħid hu illi ma hemmx ir-rabta ta' kawżalità bejn l-imġieba jew in-nuqqas tal-konvenuti u d-danni li setgħet ġarrbet l-attriċi biex ir-responsabilità għal dawk id-danni tintefa' fuq il-konvenuti.

34. L-argumenti tal-konvenuti msejsa fuq din il-premessa huma għalhekk żbaljati.

35. Il-konvenuti mbagħad igħaddu biex jikkritikaw id-deċiżjoni tal-ewwel qorti li toqgħod fuq ir-rapport ta' John Zarb li, għalkemm prodott *ex parte* mill-attriċi, madankolu kien l-espert maħtur mill-istralċjarju tal-

kumpannija debitriċi fil-proċeduri li l-istralċjarju kien fetaħ kontra d-diretturi tal-kumpannija. Fil-fatt ir-rapport ta' John Zarb li fuqu qagħdet l-ewwel qorti kien tħejja għall-għanijiet ta' dawk il-proċeduri u għal-hekk, kontra dak li jgħidu l-konvenuti, ma jistax jingħad illi John Zarb ma huwiex xhud indipendenti fil-kawża tallum, għax ma kienx imqabbad mill-attriċi għalkemm issejjaħ minnha. Fil-fatt l-ewwel qorti ma qagħditx fuq ir-rapport ta' John Zarb għax dan qal li l-konvenuti ma mxewx bil-għaqal – appuntu għax mhux dwar hekk kien ir-rapport – iżda qagħdet fuq il-konklużjonijiet fattwali ta' John Zarb dwar il-qagħda finanzjarja tal-kumpannija debitriċi u dwar jekk kienx prevedibbli, sa mill-bidunett, illi l-istruttura kapitali tal-kumpannija ma kinitx waħda sostenibbli.

36. Ukoll, ma hemmx dubju dwar il-kompetenza ta' John Zarb li jagħti l-fehma tiegħu fuq il-kontijiet, u – kif ġà dikjarat fis-sentenza ta' din il-qorti tat-30 ta' Ottubru 2009 f'din il-kawża, u kif, wara kollox, tgħid il-liġi stess fl-art. 563A(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili – opinjoni ta' xhud kwalifikat li jagħti xiehda ta' espert hija ammissibbli bħala prova.

37. Il-konvenuti jgħidu wkoll illi l-ewwel qorti qagħdet fuq il-fehma ta' John Zarb u ma qistx ukoll ix-xiehda ta' Tonio Zarb, li tressaq mill-konvenuti. Fil-fatt iżda ż-żewġ xhieda xehdu fuq kwistjonijiet x'aktarx differenti: John Zarb xehed fuq jekk il-kontijiet tal-kumpannija debitriċi kinux ta' min joqgħod fuqhom u fuq jekk kienx hemm x'juri, sa mill-bidunett, illi l-attività kummerċjali tal-kumpannija ma kinitx fattibbli – li

hu l-meritu tal-appell tal-konvenuti – waqt illi Tonio Zarb xehed fuq jekk kinitx għaqlija d-deċiżjoni tas-soċjetà attriċi li toqgħod fuq il-kontijiet tas-sena sat-30 ta' Settembru 1999 biex tagħti aktar kreditu lill-kumpannija debitriċi[4], li hu aktar il-meritu tal-appell tal-attriċi u n-ness ta' kawżalità bejn in-nuqqasijiet tal-konvenuti – jekk kien hemm – u d-dannu li ġarrbet l-attriċi.

38. Barra minn hekk, waqt li ma jistax jingħad illi John Zarb ma kienx xhud indipendenti, mhux l-istess jista' jingħad dwar l-espert l-ieħor Tonio Zarb, li tqabbad u ssejjaħ speċifikament mill-konvenuti. Naturalment, dan ma jfissirx illi x-xiehda ta' Tonio Zarb ma għandhiex titqies fil-kuntest fejn dik ix-xiehda hija relevanti u tingħata l-piż tagħha wkoll, kif ukoll għandha titqies u tingħata piż ix-xiehda tal-konvenuti nfushom fejn dawn fissru għala ma qablux mal-osservazzjonijiet u konkużjonijiet ta' John Zarb.

39. Il-parti l-aktar relevanti tax-xiehda ta' John Zarb hija dik fil-para. 13 sa 19 tal-*affidavit* tiegħu esebit mill-attriċi b'nota tad-9 ta' Ottubru 2009 fl-atti ta' din il-qorti:

> »13. Fil-fehma tiegħi, il-mod ta' kif giet strutturata din it-transazzjoni [*recte*, negozju, *viz.* in-negozju li bih il-kumpannija debitriċi kisbet l-attività kummerċjali mingħand terzi] poġġiet [lill-kumpannija debitriċi] f'posizzjoni prekarja u żvantaggata mill-bidu nett tal-operat tagħha.
>
> »14. Bħala l-unika kumpannija operattiva fil-grupp, din kienet is-sors aħħari tal-pagamenti li kellhom isiru minn [kumpannija oħra tal-grupp] sabiex jitħallas dak is-self, u kif ukoll l-interessi, dovuti lill-bank u lill-azzjonisti. Kien ovvju li, mill-bidu nett, [il-kumpannija debitriċi] kienet ser tiġi mgħobbija b'ammonti bil-wisq aktar għoljin mill-kera ġusta fuq il-proprjetajiet konċernati … … …

---

[4] "… … … ix-xhieda tiegħi kienet fuq x'wieħed għandu jagħmel f'ċirkostanzi bħal dawn: jekk wieħed kellu[x] jestendi l-*credit* f'każ bħal dan, simili … … …", xiehda ta' Tonio Zarb fis-seduta tal-15 ta' Frar 2012, *fol.* 616.

»15. [Il-kumpannija debitriċi] ġiet mgħobbija b'dejn ta' Lm2.6 miljun lejn il-kredituri tagħha. Dan id-dejn eċċeda l-istokk li ġie akkwistat b'Lm1.2 miljun. Dan il-bilanċ ta' Lm1.2 miljun, dejn ta' natura *short term* dovut lill-kredituri, kien però intuża sabiex jiġu iffinanzjati assi ta' natura *long term* bħal ma huma *plant* u makkinarju, u assi mhux tangibbli (*intangibles*), li kellhom jigu iffinanzjati fuq bażi *long term*, idealment permezz ta' kapital. Fil-fehma tiegħi, il-finanzjament ma kellux isir b'dan il-mod, billi poġġa lil kredituri f'riskju żejjed.

»16. Il-kredituri, li preżumibbilment ma kinux konxji ta' kif ġie strutturat u iffinanzjat il-grupp, bdew ifornu lill-kumpannija l-ġdida fuq bażi ta' *credit*. Ir-rikavat mill-bejgħ mill-istokks li dawn il-kredituri kienu qed ifornu kellu jintuża sabiex jitħallsu l-ammonti rispettivi dovuti lilhom, apparti salarji u spejjeż ohra. Iżda l-ewwel Lm1.2 miljun ta' bejgħ kienu mill-bidunett intiżi sabiex jiffinanzjaw it-*take over* – minflok il-kapital li l-azzjonisti kellhom jipprovdu inizjalment. Il-pjan finanzjarju kien jiddependi fl-intier tiegħu fuq qligħ prospettiv sabiex jimtela dak il-vojt.

»17. Li kieku dan il-pjan iffunzjona, l-azzjonisti kienu jagħmlu qligħ sostanzjali minn fuq investiment baxx, u *cioè* dak ta' Lm101,000. Iżda dan il-kapital limitat ma pprovda ebda tip ta' fond li [l-kumpannija debitriċi] setgħet tuża fil-każ illi l-qligħ prospettiv ma kienx iseħħ. Fid-dawl ta' dan, wieħed għandu, fil-fehma tiegħi, jasal biex jikkonkludi li l-konsegwenzi finanzjarji ta' falliment kienu maħsuba, sa mill-bidunett, li jbatuhom il-kredituri.

»18. L-*opening balance sheet* [tal-kumpannija debitriċi], b'kapital ta' Lm101,000 kienet ta' kumpannija solventi. Però Lm730,000 mill-assi akkwistati mill-kumpannija kienu *intangibles* (*goodwill*, fil-forma ta' rigal fuq proprjetà mikrija fil-Marsa, *trade marks*, u ħlasijiet sostanzjali lis-Sur Frans Gauci [dak li mingħandu l-kumpannija debitriċi kisbet l-attività kummerċjali). *Intangibles* ta' din in-natura għandhom ftit, jew kważi ebda, valur jekk il-kumpannija li tipposjedihom ma tagħmilx qligħ u tfalli, kif fil-fatt ġara. L-*intangibles* żiedu b'mod sostanzjali mal-posizzjoni ta' risku kbir li [l-kumpannija debitriċi] tpoġġiet fiha mill-bidu nett. Kull telf li jeċċedi l-Lm101,000 kien ser jikkreja *balance sheet insolvency*, li, jekk jipproġetta ruħu fuq temp ta' żmien, kien ser inaqqas il-valur tal-*intangibles* u kwindi jinħoloq aktar telf.

»19. Fil-fehma tiegħi, l-arranġamenti li spjegajt hawn fuq kienu, b'mod grossolan, imprudenti u irresponsabbli fir-rigward [tal-kumpannija debitriċi], b'riskju prinċipali għall-kredituri tal-kumpannija aktar milli b'riskju għall-azzjonisti. … … …].«

40. Barra minn hekk, minkejja kapital ġà mill-bidunett insuffiċjenti, il-kumpannija debitriċi kompliet dgħajjfet il-posizzjoni finanzjarja tagħha billi għamlet self mhux garantit ta' erba' mitt elf euro (€400,000) lil kumpannija ta' wħud mill-azzjonisti indiretti tagħha u hekk, kif kompla fisser John Zarb, "il-kredituri kienu għalhekk, effettivament, iffinanzjaw

is-self"[5] lil dik il-kumpannija. Dan is-self wassal għal telf ta' mitejn u sebgħa u tletin elf, erba' mija u tmienja u ħamsin euro (€237,458)[6]. Barra minn hekk, il-kumpannija li lilha sar is-self kienet il-mezz li bih inkisbu l-ishma fil-kumpannija debitriċi li ġiet b'hekk li qiegħda effettivament tiffinanzja l-akkwist tal-ishma tagħha stess.

41. Kien hemm negozju ieħor meta l-kumpannija debitriċi kisbet l-attività kummerċjali ta' kumpannija oħra tad-diretturi tal-kumpannija debitriċi li kompla għarraq il-posizzjoni finanzjarja tagħha, kif kompla jfisser John Zarb f'para. 27 sa 29 tal-*affidavit* tiegħu:

> »27. Il-*plant* u l-makkinarju (bejn wieħed u ieħor Lm292,000) u l-istokks tal-kumpannija [tad-diretturi] sal-1 ta' Ottubru 1998 ġew trasferiti [lill-kumpannija debitriċi] u saret tpaċija bi ħlas lill-kredituri [mill-kumpannija debitriċi] f'isem [il-kumpannija l-oħra]. Għal darb'oħra, u immedjatament, [il-kumpannija debitriċi] tpoġġiet f'posizzjoni finanzjarja żvantaggata għaliex hi kellha tiffinanzja *long term fixed assets* billi terġa' tittardja l-ħlas lill-kredituri tagħha, minflok ma kien hemm kapital ġdid investit mill-azzjonisti. Dan kollu kompla jgħakkes u jżid l-iżbilanc fil-*cashflow* [tal-kumpannija debitriċi].
>
> »28. *Inoltre*, wara li sar it-trasferiment li semmejt hawn fuq, [il-kumpannija l-oħra] tħalliet bi djun residwi ta' ftit aktar minn Lm400,000, rappreżentanti t-telf li kien ġie akkumulat. Dan it-telf ma kellu xejn x'jaqsam man-negozju [tal-kumpannija debitriċi]. Madankollu dawn id-djun ġew iffinanzjati [mill-kumpannija debitriċi] bir-riżultat li l-ammonti li [l-kumpannija l-oħra] kellha taghti [lill-kumpannija debitriċi] akkumulaw hekk:
>
> »sat-30 ta' Settembru 1999 Lm172,942
>
> »sat-30 ta' Settembru 2000 Lm227,503 oħra[7].
>
> »29. Dawn il-flejjes ġew mislufa mid-diretturi [tal-kumpannija debitriċi] lil kumpannija falluta a vantaġġ ta' grupp ta' azzjonisti, u għaldaqstant ikkrejaw telf sostanzjali għad-dannu [tal-kumpannija debitriċi] u l-kredituri tagħha (telf li, inċidentalment, ma ġiex rikonoxxut fil-kontijiet finanzjarji tal-grupp u [tal-kumpannija debitriċi]).«

5 P. 10 tal-*affidavit* ta' John Zarb.

6 *Ibid.* p.11.

7 Din it-tieni figura ma hijiex relevanti għall-għanijiet tal-kawża billi tirreferi għal-żmien wara s-sena finanzjarja li dwarha sar ir-rapport tal-awdituri.

42. Mistoqsi jekk din is-sitwazzjoni prekarja kinitx tidher mill-kontijiet u mir-rapport tal-awdituri Zarb wieġeb, diplomatikament, illi "skond aħna ma hijiex rifless daqskemm setgħet"[8].

43. Relevanti wkoll hija l-osservazzjoni li għamel John Zarb fil-para. 54 tal-*affidavit* tiegħu:

> »54. Hekk kif appena d-diretturi salpaw f'dan in-negozju kbir iżda sotto-kapitalizzat, id-diretturi ħolqu n-neċessità li jiġu kkreati immedjatament *accounting systems* sodi b'tali mod li jkun jista' jiġi kkontrollat l-andament tan-negozju. Negozjant … illi konsepovelment jibda n-negozju tiegħu b'kapital negliġibbli huwa obbligat li jikkontrolla aktar mill-qrib id-direzzjoni tan-negozju tiegħu, tal-anqas sabiex jipproteġi d-drittijiet leġittimi ta' terzi mingħand min ikun qiegħed jitlob li jinnegozja b'self.«

44. Tassew illi, kif josservaw il-konvenuti, dan huwa obbligu tad-diretturi. Madankollu huwa wkoll obbligu tal-awdituri illi jikkontrollaw l-adegwatezza tal-*accounting systems* ladarba kienu jafu – jew kellhom ikunu jafu, għax kollhom aċċess għall-kotba – li n-negozju kien sotto-kapitalizzat, li l-kredituri kienu qegħdin jitħallsu tard u li d-dħul min-negozju li kellu jservi biex minnu jitħallsu l-kredituri kien qiegħed jintuża għal skopijiet oħra. Dan kien jitfa' fuq l-awdituri l-obbligu ta' skrutinju aktar approfondit tal-kotba u l-kontijiet tal-kumpannija debitriċi u li jissenjalaw iċ-ċirkostanzi li setgħu joħolqu problemi aktar 'il quddiem u dubji dwar il-fattibiltà tal-attività kummerċjali. Il-fatt li l-*audit* huwa ħaġa ta' rutina ma jfissirx li għadu jsir b'mod mekkaniku jew superfiċjali, aktar u aktar meta, bħal fil-każ tallum, kien jidher, jew kellu jidher, mill-bidunett li kien hemm anomaliji fl-istruttura kapitali u finanzjarja. Is-sitwazzjoni ssir aktar gravi meta tqis li ġà mill-*manage-*

[8] *Fol*. 397.

*ment accounts* ta' Frar tal-1999 kien jidher li kien hemm problemi ta' *cash flow* li kienu magħrufa lill-awdituri, u kien hemm rapport, li jew sar mill-konvenuti stess jew għallinqas kien disponibbli għalihom, li jgħid illi kien hemm "*dangerous cash flow management*"[9].

45. Is-sitwazzjoni kienet ukoll aktar gravi għax il-valuri ta' *stock* murija fil-kontijiet li tagħhom il-konvenuti għamlu l-*audit* li dwaru saret din il-kawża kienu valuri minfuħin, kif kompla jfisser John Zarb meta xehed quddiem l-ewwel qorti fit-12 ta' Novembru 2008 u qal illi "l-kotba kienu qed jagħmlu stima esaġġerata tal-ammont u l-valur tal-i*stock* li ġġor il-kumpannija"[10]. Dan il-fatt ma nqabadx fl-*audit* għax "ma kienx hemm *physical stocktakes*"[11] u l-konvenuti ma għamlux *spot checks*. Fis-seduta tat-30 ta' April 2010 Zarb kompla fisser illi:

> »… … … kien hemm *over valuation* serja tal-i*stock* – ta' *closing stock* – u allura profitti kienu *overstated* jew inkella t-telf kien *understated* bħala riżultat.«[12]

46. Kompla jfisser hekk il-konsegwenzi ta' dan in-nuqqas fil-para. 59 sa 62 tal-*affidavit* tiegħu:

> »59. Il-valur tal-*closing stock* ta' negozju jiddetermina xi jkun il-*gross profit* u x'ser ikunu r-riżultati finali. Xi kumpanniji jiddeterminaw il-*closing stock* fuq il-bazi ta' *stock records*, li jridu jiġu ppruvati u ttestjati sabiex jiġi ivverifikat li huma ta' min wieħed jistrieħ fuqhom. Dejjem ser ikun hemm element ta' *pilferage*, telf ta' stokks li għalihom ma jkunx hemm *records*, żbalji u oħrajn, li jistgħu, meta kkunsidrati kumulattivament, ikollhom impatt sostanzjali. Minħabba f'hekk, il-biċċa l-kbira tan-negozji, anke dawk bi *stock records* tajbin, u indipendentement mill-ispiża, jagħmlu *stocktake* annwali, jew sistema ta' *stocktake* kontinwa, sabiex tiġi stabbilita preċiżament il-posizzjoni finanzjarja tal-kumpanniji tagħhom.

[9] Para. 79 tal-*affidavit* ta' John Zarb.

[10] *Fol.* 313.

[11] *Fol*. 312.

[12] *Fol.* 388.

»60. [Il-kumpannija debitriċi] ma kellhiex *stock records*. Ma kellha ebda sistema li wieħed seta' jistrieħ fuqha illi permezz taghha min kien qed imexxi l-kumpannija seta' jikkalkula l-*closing stock* fi kwalunkwe perjodu. Dan kien ifisser li effettivament il-kumpannija kienet qed titmexxa fl-għama u ma setgħet tiġi ffurmata ebda konklużjoni realistika dwar kemm kienet qed iġġarrab telf. Mil-esperjenza tiegħi, nista' ngħid illi apparti mir-responsabbiltà addizzjonali li kienet teżisti minħabba fil-kapital baxx li [l-kumpannija debitriċi] bdiet topera bih, kull negozju ta *supermarkets* f'din is-sitwazzjoni għandu, almenu, jistalla sistema ta' *stocktakes* regolari u frekwenti.

»61. Iżda d-diretturi qatt ma ħadu ħsieb li jagħmlu *stocktake* komplut. Id-diretturi ppruvaw jikkalkulaw il-*gross profit* minn fuq il-bejgħ – u allura jippruvaw jaslu għal kalkolu ta' *closing stock* – billi jippruvaw iżommu kont tad-differenzi bejn il-prezzijiet tal-bejgħ, tax-xiri u tal-ispejjeż, billi japplikaw dawn il-marġini ta' profitt għal bejgħ analizzat f'kategoriji, u billi jippruvaw jagħmlu stima ta' serq u telf ieħor. Dawn ma jistgħu qatt jiġu kkalkulati preċiżament, ħlief permezz ta' *full stock count*. … … … [Il-kumpannija debitriċi] kellha sistema ta' *accounting* – jew ta' stimi – li fl-opinjoni professjonali tiegħi qatt ma setgħet tagħti riżultati serji, u li tmur kontra l-prattika tajba fin-negozju (speċjalment f'dawk in-negozji fejn l-istokk hu element fondamentali).

»62. Dan kien nuqqas estremament serju, li d-diretturi setgħu u kellhom jirrimedjaw, iżda li ma tawx każu, u li bħala konsegwenza ta' dan huma ma rnexxilhomx iwaqqfu mekkaniżmu adegwat sabiex ikunu jistgħu jifhmu u jikkontrollaw il-kumpannija. Anzi, huma għażlu triq li bdiet billi kejjlet ir-riżultat u mbagħad ikkalkulat il-*closing stock* b'inferenza, minflok bil-kontra, u għalhekk inħolqu riskji ovvji. Dawn ir-riskji huma spjegati b'mod elokwenti *f'journal entry* fl-*accounting records* sabiex tinkludi *closing stock* fit-30 ta' Settembru 1998, u li tgħid hekk:

> »"Being the estimated closing stock to give an operating profit before depreciation and inter-company rent of Lm160,000."

»(ta' min jinnota l-emfasi fuq *operating profit* u mhux fuq *gross profit* li hu dak li wieħed kellu jistenna mis-sistema ta' kalkoli ta' *closing stock* li kienet tuża il-kumpannija).«

47. Dan in-nuqqas ukoll kien wieħed li kellu jiġi senjalat mill-konvenuti

48. Wara li wera fejn fil-fehma tiegħu kellhom isiru aġġustamenti sostanzjali fil-kontijiet tal-kumpannija debitriċi, John Zarb ikkonkluda hekk fil-para. 69 tal-*affidavit* tiegħu:

»69. … … … il-figuri hekk kif mibdula huma biżżejjed sabiex juru l-ineżattezzi li kienu jeżistu b'mod ġenerali fil-kotba tal-kumpannija fis-snin li eventwalment ippreċedew l-istralċ tal-istess. L-importanza ta' dan, jekk wieħed jassumi illi d-diretturi ma kellhom ebda kotba oħra ħlief dawk li rajt jien, hija illi:

»a) huma naqsu milli jeżerċitaw kontroll adegwat fuq in-negozju tagħhom, fis-sens illi huma lanqas ma kienu konxji tat-telf li kienet qed tinkorri [l-kumpannija debitriċi];

»b) dan in-nuqqas ikompli jaggrava ruħu minhabba fil-fatt illi n-negozju nbeda b'kapital miżeru, b'riskju kbir għall-kredituri, bir-riżultat li d-diretturi kellhom jeżercitaw aktar kura, attenzjoni u diliġenza fit-tmexxija tan-negozju. Fil-fatt, [il-kumpannija debitriċi] kompliet titlob żieda fil-*credit* mingħand il-fornituri tagħha, kompliet tkabbar in-negozju tagħha, kompliet tiftaħ ħwienet ġodda, mingħajr qatt ma d-diretturi żammew kont xieraq taċ-ċirkostanzi tan-negozju li kienu qed imexxu;

»c) dan in-nuqqas ikompli jaggrava ruħu ulterjorment minħabba fil-fatt illi kredituri jafu straħu fuq il-kontijiet finanzjarji tal-kumpannija, meta llum il-ġurnata jirriżulta illi l-aħħar kontijiet li nħarġu, għas-sena li għalqet fit-30 ta' Settembru 1999, jidhru, fil-fehma tieghi, li kienu sostanzjalment żbaljati.«

49. Imbagħad fil-para. 90 tal-*affidavit* kompla fisser hekk ir-raġunijiet li wassluh biex igħid illi l-kontijiet "kienu sostanzjalment żbaljati":

»91. L-i*statements* finanzjarji in kwistjoni, u r-rapport tad-diretturi anness, sfortunatament taw storja żgwidanti tal-posizzjoni finanzjarja [tal-kumpannija debitriċi] u tal-grupp sa Settembru 1999 lil dawk il-kredituri li qrawhom. B'mod partikolari, niġbed l-attenzjoni għas-segwenti :

»(a) kif diġà għidt, it-telf li sofriet [il-kumpannija debitriċi] (u kwindi mill-grupp) kien, b'mod materjali, dikjarat ħażin, fis-sens li t-telf kien ferm ikbar. Stokks kienu qed jiġu ddeterminati fuq bażi li ma kinitx ta' min wieħed jistrieħ fuqha u skond kalkoli tiegħi kienu sovravalutati. Ma saru ebda *provisions* rigward l-ammonti li ma setgħux jiġu rkuprati, u li gew mislufa lil kumpanniji relatati falluti;

»(b) fir-rapport taghhom, id-diretturi jagħmlu asserzjonijiet positivi rigward iż-żieda fil-bejgħ, li fil-fatt irriżultat primarjament mill-*operational merger* [ma' kumpannija oħra] aktar milli minn xi żieda fil-bejgħ fil-ħwienet individwali. Dan il-fatt importanti ma ġiex spjegat;

»(ċ) id-diretturi jagħmlu wkoll asserzjoniiiet posittivi rigward il-kunfidenza taghhom illi "*the operational performance of the company will improve*". Meta sar dan l-i*statement* fit-30 ta' Ġunju 2000, u meta ġew ippreżentati l-*accounts* fl-20 ta' Settembru 2000, id-diretturi fil-fatt kienu jafu li [l-kumpannija debitriċi] u l-grupp kienu għaddejjin mill-agħar sena li qatt kellhom, b'telf sostanzjalment ogħla minn dak iddikjarat ghas-sena 1999. Fid-dawl ta' din ir-realtà, dan ir-rapport tad-diretturi kien, fil-fehma tiegħi, żgwidanti.«

50. Il-qofol esenzjalment hu illi l-istruttura kapitali u t-tħaddim tal-kumpannija kienu maħsuba sa mill-bidunett – u għalhekk ukoll fiż-żmien relevanti meta sar l-*audit* mill-konvenuti – biex jitfgħu r-riskju tat-telf fuq il-kredituri flok fuq l-investituri, u biex proġetti kapitali jiġu finanzjati bil-flus tal-kredituri minflok dawk tal-investituri.

51. Il-konvenut Raphael Aloisio b'*affidavit* maħluf fis-17 ta' Mejju 2005[13] ifittex li jikkontesta l-konklużjonijiet li wasal għalihom John Zarb. Ma jaqbilx ma' Zarb li kien hemm stima esaġġerata tal-ammont u l-valur tal-i*stock* għal raġunijiet li jfissirhom hekk:

> »In paragraph 65 of his *affidavit* Mr Zarb assumes that "gross profits arose [*sic*] consistently since April 1998"[14] and in paragraph 66 he assumes that "no very abnormal stock loss took place since 2001"[15] and that no adjustment should be made against the results for the period 1st October 2000 onwards.
>
> »In adopting these assumptions, the witness would appear to have overlooked the following obvious facts, which clearly confirm that the company could not have achieved a constant gross profit margin from one period to the next.
>
> »1. In the first 18 months of operations, up to 30 September 1999, the company was credited with substantial rebates (in excess of Lm175,000 *per annum*) from a number of its principal suppliers. These rebates would have contributed to enabling the company to achieve higher gross profit margins in these earlier years compared to later years, when relations with suppliers began to deteriorate and the company was no longer in the strong position it was previously.
>
> »2. As a result of the change, which took place in January 1999, from CET to VAT, during the financial period ended 30th September 1999 the company received a substantial VAT

---

13 *Foll.* 489 *et seqq.*

14 Dak li fil-fatt qal John Zarb hu "Jekk wieħed jassumi illi dan il-*gross profit* sar b'rata kostanti minn April 1998 … … …".

15 Dak li fil-fatt qal John Zarb hu "Dan il-kalkolu jippresumi li ma kien hemm ebda telf ta' stokk mhux normali, fir-reġjun ta' Lml.4 miljun, mill-perjodu meta *PwC* [l-awdituri mqabbda mill-kredituri] bdiet l-eżerċizzju inizjali tagħha f'April 2001. Jien ma kelli ebda indikazzjonijiet illi kien hemm xi telf bħal dan, u ġejt assikurat mis-Sur Demarco illi attenzjoni kbira ġiet eżercitata fl-operat tal-kumpannija fiż-żmien meta l-kumpannija kienet waslet fi tmiemha sabiex jiġi accertat illi kull bejgħ kien qed jiġi akkontat kif suppost". Din l-assunzjoni tidher raġonevoli meta tqis illi wara April tal-2001 kienu jsiru verifiki fiżiċi, mhux bħal fiż-żmien koperti bil-kontijiet li dwarhom saret il-kawża.

refund in June 1999. This refund was a one-time receipt, which boosted the achieved gross profit margin for that period compared to that reported in both previous and subsequent periods.

»3. As a result of the above mentioned change in the indirect tax regime and the different accounting treatment of the said tax, it is not possible to equate on a like with like basis the achieved gross profit margins from one year to another without any form of adjustment.

»4. It is public knowledge that, towards the end of the 2000 calendar year, the company began to experience increasing difficulties in securing supplies. Undoubtedly as the company's purchasing power deteriorated the company was no longer in a position to pursue an optimum purchasing strategy, which would have negatively impacted the company's achievable gross profit margins compared to previous years.

»5. It is clearly wrong to assume that the achieved gross profit margin in the extended winding down period would have been the same as the gross profit margin achieved in the earlier periods when the company was operating normally.

»6. No account has been taten of the fact that the profile of super-markets was continually changing from one year to another and that each supermarket had a different sales mix and average achieved gross profit margins. More specifically no account was taken of the fact that the supermarkets opened in the year to 30th September 1999 achieved an overall higher average gross profit margin than those operated prior to [that] date. This would have contributed to higher gross profit margins in that year compared to the previous period.

»7. The witness has not taken into consideration the fact that the temporary closure of the B'Kara outlet during the year to 30th September 2000 would have had a direct negative impact on the company's achieved gross profit margin in that year compared to the previous year.

»All the above facts show that it is impossible for the company to have achieved a constant gross profit margin of 11.34% throughout the entire 50 month period. It is also equally obvious that the margins achieved in earlier years up to 30th September 1999 were undoubtedly higher than what was achieved in later years and significantly higher that what was achieved post 30th September 2000.

»If the witness took these facts into consideration his assumptions, calculations and conclusions would have been materially different.«

52. Huwa minnu li John Zarb kellu jagħmel xi assunzjonijiet biex wasal għall-konklużjonijiet tiegħu dwar livell ta' *stocks* u ma hemmx dubju li l-figuri li wasal għalihom huma approssimativi; waħda mir-raġunijiet

kienet illi ma sarx *stock take* u verifiki mill-awdituri[16]. Minħabba f'hekk anke l-kontijiet li dwarhom sar l-*audit* mill-konvenuti effettivament kellhom jissejsu fuq assunzjonijiet ladarba ma hemmx figuri li kienu ġew verifikati b'mod konkret. Iżda s-sitwazzjoni finali tal-kumpannija debitriċi – li effettivament spiċċat falluta u insolventi – turi li huma eqreb tal-verità l-assunzjonijiet "pessimisti" ta' John Zarb milli dawk aktar "ottimisti" tal-konvenut Aloisio.

53. Għandu jingħad ukoll illi, għalkemm l-argument tal-konvenut Aloisio hu illi l-*profit margin* mar lura (u għalhekk jikkontesta l-konklużjoni ta' John Zarb li mexa fuq l-assunzjoni ta' *profit margin* bejn wieħed u ieħor kostanti), l-istess konvenut jikkontradiċi xi ftit lilu nnifsu meta xehed illi minn Frar tal-1999 "il-*gross profit margin* kien qed jiżdied, … … …, kien qed jimpruvja, iva"[17], li jfisser li flutwazzjonijet fil-*profit margin* saru kemm 'il quddiem – minkejja l-fatturi negativi li jsemmi l-konvenut – u kemm lura, u għalhekk ma hijiex għalkollox ta' min iwarrabha l-assunzjoni ta' John Zarb li mexa fuq assunzjoni ta' medja bejn wieħed u ieħor kostanti fejn il-movimenti fil-*profit margin* jinnewtralizzaw lil xulxin.

54. Barra minn hekk, la l-konvenut Aloisio u lanqas il-konvenuti l-oħra li xehdu u x-xhieda li ressqu ma jindirizzaw il-problema l-ieħor li issenjala John Zarb, *viz.* illi sa mill-bidunett il-kumpannija ma kinitx

[16] Il-konvenut Aloisio josserva illi *"… … … between the 29th and 31st March 1998, at the time of the acquisition of the supermarkets … from their previous owner, the company commissioned a full stock-take of the 3 supermarkets and thus created a reliable base for which to estimate the base stock levels for these 3 supermarkets*". Dan ma kienx fiż-żmien relevanti għall-kontijiet u rapport fuqhom li dwarhom saret il-kawża.

[17] Xiehda ta' Raphael Aloisio fis-26 ta' Novembru 2010, *fol.* 684.

kapitalizzata biżżejjed u li għalhekk il-flus li kellhom iservu biex jitħallsu l-kredituri kienu qegħdin jiġu utilizzati għal skopijiet oħra, li kellu juri mill-bidunett illi l-attività kummerċjali tal-kumpannija debitriċi ma kinitx waħda sostenibbli u fattibbli.

55. Fit-tweġiba tagħhom għall-appell tal-attriċi l-konvenuti jiċċitaw ukoll silta minn rapport magħmul lill-kredituri minn *PricewaterhouseCoopers* [“*PwC*”] f’Ġunju tal-2010 – u għalhekk *col senno del poi* – li fih jingħad “*Can the Group be turned around? We think yes*” L-argument huwa illi jekk, ukoll f’dak l-istadju, in-negozju seta’ jitmexxa bi qligħ, mela ma setax jingħad illi s-sitwazzjoni meta sar l-*audit* mill-konvenuti ġà kienet turi illi ma hemmx tama.

56. Iżda l-konvenuti qegħdin jiskartaw dak li hu l-qofol tal-kwistjoni: (i) in-negozju tal-kumpannija debitriċi kien juri mill-bidunett li kien imsejjes fuq kapital insuffiċjenti tant illi waħda mir-rekwiżiti msemmija minn *PwC* biex terġa’ tqum fuq saqajha l-kumpannija – biex iseħħ *turning around* tan-negozju – kienet investiment ta’ kapital ġdid ta’ mill-anqas żewġ miljun lira (Lm2,000,000) – illum erba’ miljuni, sitt mija u tmienja u ħamsin elf, seba’ mija u sebgħa u erbgħin euro (€4,658,747) – u “*possibly more*” fi flus likwidi (“*cash injection*”) u (ii) illi l-kredituri mhux biss iġarrbu telf (“*taking some loss on the amounts due to them*”) iżda wkoll jikkonvertu parti sostanzjali (“*a good part*”) mill-bilanċ f’ishma jew *bonds* tal-kumpannija biex hekk jiġu indirizzati d-difetti li kellhom jiġu senjalati li kienu jeżistu sa mill-bidunett fil-kumpannija, *viz.* (i) kapital sproporzjonatament żgħir għad-daqs tan-negozju u (ii) li r-riskju

jerfgħuh il-kredituri u mhux l-investituri. Dan il-fatt idgħajjef, mhux isaħħaħ, l-argument tad-debituri.

57. Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet kollha din il-qorti taqbel mal-ewwel qorti illi x-xogħol ta' *audit* li sar mill-konvenuti, partikolarment fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-kumpannija debitriċi, ma sarx bil-għaqal mistenni minnhom. L-aggravju relativ huwa għalhekk miċħud.

58. L-aħħar aggravju tal-konvenuti jolqot l-ispejjeż. Dwar l-ispejjeż il-qorti tipprovdi wara li tkun qieset ukoll l-appell tas-soċjetà attriċi.

59. Ngħaddu issa għall-appell tas-soċjetà attriċi li jolqot il-konklużjoni tal-ewwel qorti li ma kienx hemm rabta ta' kawżalità bejn in-nuqqas tal-konvenuti u t-telf li ġarrbet l-attriċi. L-attriċi appellat ukoll minn żewġ dikrieti li bihom l-ewwel qorti irregolat il-produzzjoni ta' xiehda.

60. L-ewwel dikriet ingħata fil-15 ta' Ġunju 2011 meta l-konvenuti ressqu biex jixhed li Anthony *sive* Tonio Zarb, l-attriċi opponiet għall-produzzjoni tax-xhud billi ma kienx dikjarat fil-lista ta' xhieda tal-konvenuti u l-ewwel qorti ammettiet lix-xhud billi dehrilha li kien dikjarat bħala wieħed mir-"rappreżentanti tal-*Malta Institute of Accountants*" imsejħa "biex jagħtu opinjoni esperta *in materia*". L-attriċi tilmenta kemm mid-deċiżjoni tal-ewwel qorti li tammetti lix-xhud u kemm min-nuqqas li jingħata permess li jsir appell qabel is-sentenza definittiva billi l-qorti qieset illi d-deċiżjoni dwar l-ammissjoni tax-xhud taqa' taħt l-art. 229(1)(*d*) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. L-ilment dwar il-permess biex isir appell qabel is-sentenza definittiva huwa *ormai* irrelevanti billi l-appell issa qiegħed f'kull każ isir

flimkien mal-appell mis-sentenza definittiva tal-ewwel qorti. Il-qorti għalhekk sejra tqis biss il-kwistjoni jekk Tonio Zarb kellux jitħalla jissejjaħ biex jixhed. L-appell minn din il-kwistjoni ġie mfisser hekk:

> »… … … is-soċjeta attriċi appellanti ssostni illi l-oġġezzjonijiet tagħha kienu bbażati fuq il-fatt illi x-xhud Tonio Zarb ma kellux il-kwalità ta' rappreżentant tal-*Malta Institute of Accountants* – fil-fatt, wara li saret oppożizzjoni f'dan is-sens mis-soċjetà attriċi appellanti għax-xiehda tiegħu, l-ebda prova ma nġiebet dwar din l-allegata kwalità tiegħu;
>
> »Illi s-soċjeta attriċi appellanti tibqa' ssostni illi Tonio Zarb qatt ma kien imissu inghata l-opportunità li jixhed *stante* li ma kienx xhud dikjarat mill-appellati;
>
> »Illi dan huwa evidenti wkoll mill-mod ta' kif l-intimati appellati kienu indikaw l-iskop tax-xiehda tar-rappreżentant tal-*Malta Institute of Accountants*, u *cioè* tali rappreżentant kien indikat sabiex jixhed bil-għan li 'jagħt[i] opinjoni esperta *in materia'*;
>
> »Illi minn hawn jidher biċ-ċar illi r-rappreżentant hawn indikat kellu jixhed dwar il-materja tal-kawża odjerna u meta wieħed janalizza l-andament tal-kawża jispikka l-fatt illi s-suġġett tal-kawża odjerna kien prinċipalment jikkonċerna *International Accounting Standards* u *International Auditing Standards*;
>
> »Illi wieħed jistenna li rappreżentant ta' entità bħal din ikun espert f'tali qasam u li jixhed dwar tali kunċetti, skont kif iddikjarat li kellu jaghmel;
>
> »Illi, minflok, Tonio Zarb ġie introdott bħala 'espert *ex parte*' … … …
>
> »… ……
>
> »Illi jidher inekwivokament illi Tonio Zarb ma kienx qiegħed jixhed bil-mod ta' kif kien prospettat fil-lista tax-xhieda tal-intimati appellati – jiġifieri b'mod oġġettiv dwar il-materja in eżami – iżda kien qiegħed jixhed dwar il-fatti tal-kawża bil-mod selettiv ta' kif ġew mgħarrfa lilu mill-intimati appellati;
>
> »Illi kien fid-dawl tar-raġunijiet hawn fuq elenkati illi s-soċjetà attriċi appellanti kienet talbet illi Tonio Zarb ma jiġix ammess bħala xhud f'dawn il-proċeduri u, *stante* illi tali talba ġiet miċħuda mill-ewwel onorabbli qorti, is-soċjetà attriċi appellanti ser titlob l-isfilz kemm tax-xiehda u kif ukoll tal-kontro-eżami ta' Tonio Zarb permezz ta' dan ir-rikors tal-appell.«

61. Dwar il-kwistjoni jekk ix-xhud kienx "rappreżentant" tal-*Malta Institute of Accountants*, il-qorti tosserva illi, għalkemm l-użu tal-kelma "rappreżentant" ma huwiex feliċi f'dan il-kuntest – għax ix-xhud kien mistenni biss jagħti l-fehma tiegħu ta' espert u mhux il-fehma tal-istitut – il-fatt li x-xhud kien mistenni jagħti biss il-fehma tiegħu u mhux dik

tal-istitut jidher ċar mill-kliem "biex jagħtu opinjoni esperta *in materia*" li jidher fil-lista ta' xhieda. Dan il-kliem għandu l-effett oppost ta' dak li jridu jagħtuh l-atturi fir-rikors tal-appell. Kien ikun mod ieħor li kieku x-xhud intalab jagħti l-fehma tal-istitut; f'dak il-każ kienet tkun meħtieġa l-prova li x-xhud għandu s-setgħa jitkellem f'isem l-istitut u li jorbtu b'dak li jgħid, iżda dan ma kienx meħtieġ fil-każ tallum, għax li kien meħtieġ kien il-fehma ta' espert u mhux il-fehma tal-istitut. L-oppożizzjoni tal-attriċi kienet fiċ-ċirkostanzi x'aktarx fiergħa.

62. Il-fatt illi x-xhud tressaq *ex parte* ma jolqotx l-ammissibilità jew il-kredibilità tiegħu u ma hemmx dubju li x-xhud għandu l-kwalifiki u l-esperjenza meħtieġa biex jitqies xhud espert għall-għanijiet tal-art. 563A(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. Jekk imbagħad xehedx "b'mod oġġettiv" jew "dwar il-fatti tal-kawża bil-mod selettiv ta' kif ġew mgħarrfa lilu mill-intimati appellati" hija kwistjoni ta' valutazzjoni tax-xiehda u mhux ta' ammissibilità tax-xhud.

63. Dan l-aggravju, li l-qorti tqisu x'aktarx fieragħ, huwa għalhekk miċħud.

64. It-tieni aggravju jolqot it-tieni dikriet, dak tat-13 ta' Ġunju 2012.

65. Fil-11 ta' April 2011 kien xehed il-konvenut Raphael Aloisio u għamel referenza għal xi dokumenti li kien ħadem fuqhom waqt li kien qiegħed jagħmel l-*audit* tal-kotba tal-kumpannija debitriċi. Imbagħad fil-15 ta' Ġunju 2011 l-ewwel qorti, fuq talba tas-soċjetà attriċi, ordnat lill-konvenuti jesebixxu dawn id-dokumenti u, għal dan il-għan, ħelsithom mir-rabta tas-sigriet professjonali. Fit-30 ta' Settembru 2011 il-konvenuti esebew estratt minn dawn id-dokumenti u fit-18 ta'

Novembru 2011 is-soċjetà attriċi talbet illi jinġiebu d-dokumenti kollha u mhux estratt biss. Fis-27 ta' April 2012 il-konvenuti għarrfu lill-qorti illi l-istralċjarju tal-kumpannija debitriċi ma kienx awtorizzahom jesebixxu d-dokumenti, għalkemm ma qalux kinux fittxew u kisbu l-awtorizzazzjoni tal-istralċjarju qabel ma esebew l-estratt li għażlu li jesebixxu. Imbagħad, bid-dikriet tat-13 ta' Ġunju 2012 li minnu sar l-appell l-ewwel qorti laqgħet l-oġġezzjoni għall-produzzjoni tad-dokumenti "*stante* li huma koperti mis-sigriet professjonali u s-soċjetà msemmija [il-kumpannija debitriċi] m'hijiex parti f'din il-kawża".

66. L-aggravju relativ għall-appell minn dan id-dikriet ġie mfisser hekk:

> »… … … is-soċjetà attriċi appellanti tikkontendi illi d-deċizjoni tal-ewwel onorabbli qorti tal-15 ta' Ġunju 2011, liema deċiżjoni qatt ma ġiet imħassra jew revokata, kienet korretta *ai termini* tal-liġi;
>
> »Illi minkejja li l-intimati appellati addottaw proċedura totalment aljena għall-kodiċi tal-proċedura nostrana, l-ewwel onorabbli qorti tat ordni fis-sens li l-*audit file* ma kellux għalfejn jiġi esebit u dan a bażi ta' fatti rilevati mill-intimati appellati fis-seduta tat-18 ta' Novembru 2011, liema sottomissjonijiet tal-intimati appellati huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt u juru biċ-ċar illi l-intimati appellati ma kellhom ebda intenzjoni li jesebixxu dawn id-dokumenti, u dan mhux minħabba xi ksur ta' liġi iżda minħabba l-fatt li tali dokumenti kienu ċertament jippreġudikaw il-posizzjoni tal-intimati appellati;
>
> »Illi s-soċjetà attriċi appellanti tikkonċedi illi l-*audit file* jaqa' fl-ambitu tal-Kap. 377 izda ma tiqafx hawn. Jekk l-*audit file* huwa – kif qiegħed jigi allegat mill-intimati appellati – in regola u *compliant* mal-*International Auditing Standards*, allura għandu japplika l-artikolu 6A(*b*)(i) tal-Kap. 377, li jawtorizza lill-individwu konċernat sabiex jesebixxi tali dokumentazzjoni waqt li jkun qiegħed jiddefendi ruħu kontra kwalsiasi talba magħmula fir-rigward tax-xogħol professjonali tiegħu;
>
> »Illi *inoltre* għandu jingħad li fil-kaz odjern [il-kumpannija debitriċi] ma kinitx kumpannija klassifikata bħala '*small company'* li kellha l-fakultà li tippubblika *abridged accounts*, iżda għall-kuntrarju kienet kumpannija li taqa' fil-lista ta' dawk li għandhom l-obbligu jippreżentaw *accounts* sħaħ, u konsegwentement l-informazzjoni in kwistjoni ma tistax tiġi kklassifikata bhala '*secret information*' *ai termini* tal-Kap. 377 tal-Liġijiet ta' Malta;
>
> »Illi mill-andament tal-kawża odjerna kif ukoll mir-riferenzi li jsiru għall-eżerċizzji magħmula mill-intimati appellati, wieħed jappre zza l-importanza ta' dan l-*audit file* iżda huwa inkomprensibbli kif l-ewwel

> onorabbli qorti ma ordnatx lill-intimati appellati sabiex jesebixxu d-dokumenti in kwistjoni;
>
> »Illi konsegwentament, permezz ta' dan ir-rikors odjern, is-soċjetà attriċi appellanti ser terġa' tagħmel tali talba.«

67. Tassew illi huma inkompatibbli ma' xulxin id-dikriet tal-15 ta' Ġunju 2011, meta l-ewwel qorti ħelset lill-konvenuti mir-rabta tas-sigriet professjonali, u dak tat-13 ta' Ġunju 2012, li minnu sar dan l-appell, meta ma ħallietx li jinġiebu d-dokumenti minħabba s-sigriet profess-jonali. Din iżda ma hijiex raġuni ta' nullità tat-tieni dikriet; effettivament li ġara hu illi t-tieni dikriet impliċitament ħassar *contrario imperio* dak tal-15 ta' Ġunju 2011, għalkemm kien ikun aħjar li kieku t-tħassir sar espliċitament, biex ma jinħoloq ebda ekwivoku.

68. Dwar il-kwistjoni mbagħad jekk l-ewwel qorti għamlitx sew li ma ħallietx li jinġiebu d-dokumenti, l-attriċi tistrieħ fuq l-art. 6A(*b*)(i) tal-Att dwar Segretezza Professjonali ["Kap. 377"]. Dik id-disposizzjoni iżda tgħid biss illi hija meħlusa minn responsabilità kriminali dik il-persuna illi "tikxef *in bona fide* informazzjoni sigrieta … quddiem qorti … sal-limitu li tkun proporzjonata u raġonevolment meħtieġa għall-għan speċifiku li tiddefendi lilha nnifisha kontra xi talba dwar xogħol professjonali li b'konnessjoni miegħu tkun kisbet l-informazzjoni sigrieta"; ma tgħidx illi hemm obbligu fuq dik il-persuna li tikxef dik l-informazzjoni jew li qorti hija marbuta li tordna li tinkixef dik l-informazzjoni.

69. Għalkemm huwa minnu li forsi jista' ma jirriflettix sew fuq il-*bona fides* tal-konvenuti li jkunu selettivi fid-dokumenti li jagħżlu li jikxfu, u li forsi kien ikun aktar għaqli li f'kawża tal-komplessità ta' din tallum il-qorti

jkollha quddiemha t-tagħrif kollu relevanti, partikolarment fuq l-operat tal-konvenuti kif joħroġ mill-*working papers* u x-xogħol ta' tħejjija għall-*audit*, madankollu din il-qorti hija tal-fehma illi ma għandhiex f'dan l-istadju tiddisturba l-eserċizzju tad-diskrezzjoni tal-ewwel qorti, ukoll meta tqis illi, għar-raġunijiet mogħtija fuq waqt it-trattazzjoni tal-aggravju tal-konvenuti dwar is-sentenza finali, hemm biżżejjed provi biex iwasslu lill-qorti għal konklużjoni ġusta dwar il-meritu.

70. L-appell mit-tieni dikriet huwa għalhekk miċħud.

71. Ngħaddu issa għall-appell tas-soċjetà attriċi mis-sentenza finali.

72. L-ewwel aggravju huwa dwar dak li l-attriċi ssejjaħlu "l-aġir frawdolenti tal-intimati".

73. Biex tagħmel prova tal-qerq, mhux tal-konvenuti iżda tad-diretturi tal-kumpannija debitriċi, is-soċjetà attriċi tiċċita siltiet minn sentenza mogħtija f'kawża magħmula mill-istralċjarju tal-kumpannija kontra d-diretturi. Imbagħad tgħid illi "bl-aġir tal-intimati appellati huma saru *'a party to the carrying on of any business of the company with intent to defraud creditors of the company'*".

74. Il-konvenuti joġġezzjonaw għal dan għax igħidu illi huwa bi ksur ta' dak li jgħid u jrid l-art. 237 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, *viz*. illi "s-sentenza ma tista' tkun qatt ta' ħsara għal min, la huwa nnifsu u lanqas bil-mezz tal-awturi jew ta' rappreżentant leġittimu tiegħu, ma jkunx parti fil-kawża maqtugħa b'dik is-sentenza".

75. Dak li jgħidu l-konvenuti huwa minnu u l-qorti ma hijiex sejra tistrieħ fuq dak li seta' irriżulta f'kawżi li fihom huma ma kinux parti bħala prova jew bħala argument kontra tagħhom.

76. Madankollu, l-istruttura kapitali u finanzjarja tal-kumpannija debitriċi – maħsuba sa mill-bidunett biex titfa' r-riskju tat-telf fuq il-kredituri flok fuq l-investituri, u biex tiffinanzja proġetti kapitali bil-flus tal-kredituri minflok tal-investituri – hija fiha nfisha xiehda tajba u biżżejjed ta' *mala fides* min-naħa tad-diretturi. Prova ta' dan, għall-għanijiet ta' din il-kawża, saret f'din il-kawża stess u l-qorti għalhekk ma għandhiex għalfejn toqgħod fuq dak li irriżulta f'kawżi oħra li fihom il-partijiet tallum ma kinux parti.

77. Li d-diretturi tal-kumpannija debitriċi ma mxewx *in bona fide* ma jfissirx bilfors, iżda, illi f'dan kienu kompliċi l-konvenuti, għax ma tistax tiġi eskluża l-possibilità li d-diretturi qarrqu bil-konvenuti bħalma qarrqu bil-kredituri. Anzi, il-qorti ma temminx illi l-konvenuti, li għandhom ditta magħrufa u rinomata, kienu qatt sejrin itebbgħu l-isem tajjeb tagħhom b'kompliċità f'ħaġa bħal din. Barra minn hekk, fil-fehma ta' din il-qorti ma hemmx x'juri li l-konvenuti riedu jqarrqu. L-iżjed li jista' jingħad huwa illi, kif imfisser fuq fit-trattazzjoni tal-appell tagħhom mis-sentenza finali, ma mxewx b'għaqal biżżejjed u ma rawx is-sinjali li bir-riżorsi u bl-esperjenza vasta tagħhom setgħu u anzi kellhom iwassluhom biex jagħarfu x'kienu tassew l-istruttura kapitali u l-qagħda finanzjarja tal-kumpannija debitriċi u dan x'kien ifisser għall-kredituri.

78. Dan iżda ma huwiex prova ta' "aġir frawdolenti"; huwa biss prova – kif tgħid is-sentenza appellata u kif ġie konfermat aktar 'il fuq f'din is-sentenza – ta' negliġenza, li iżda hija biżżejjed biex toħloq respons-abilità fuq il-konvenuti jekk tintwera r-rabta kawżali bejn dik in-negli-ġenza u d-dannu li ġarrbet l-attriċi. Dan huwa l-meritu tat-tieni aggravju tal-appell tas-soċjetà attriċi: dak "dwar in-ness bejn l-agir tal-intimati u d-danni sofferti mis-socjetà attrici appellanti". Fissru l-aggravju hekk:

> »… … … l-intimati appellati, minkejja l-fakoltajiet kollha mogħtija lilhom mil-liġi, għal xi raġuni naqsu mill jirrikonoxxu dan il-fatt [*viz.* "li l-*accounts* kienu imbagħbsa bi skop frawdolenti"] u taw opinjoni fis-sens illi l-accounts [tal-kumpannija debitriċi] kienu jaghtu "*a true and fair view of the state of the company's affairs at 30th September 1999*".
>
> »… … … jidher biċ-ċar illi li kieku l-intimati appellati kienu wettqu l-inkarigu tagħhom kif mitlub mil-liġi – u *ċioè* għamlu *audit* b'mod li mhux negliġenti … – is-soċjetà attriċi appellanti kienet tibbaża d-deċiżjoni tagħha dwar jekk għandhiex testendi kreditu [lill-kumpannija debitriċi] jew le unikament a bażi ta' tali informazzjoni. Huwa minħabba l-fatt li l-*accounts* kienu imbagħbsin sabiex ipinġu stampa isbaħ tal-affarijiet illi s-soċjetà attriċi ikkunsidrat li testendi l-kreditu iktar minn kemm is-soltu kienet tagħmel u ghandu jiġi rikonoxxut ukoll li l-konfermi frawdolenti tad-direttur … ikkontribwixxew sa ċertu punt lejn id-deċiżjoni favorevoli dwar tali estensjoni ta' kreditu. Madanakollu wieħed irid iżomm f'moħħu li sabiex isostnu d-dikjarazzjonijiet qarrieqa [tad-direttur] kien hemm l-*audited accounts*.«

79. It-tweġiba tal-konvenuti essenzjalment hija illi:

> »… … …li jingħad li l-estensjoni tal-kreditu b'eluf kbar saret b'riżultat ta' ħarsa lejn *accounts* skaduti li kienu juru telf kbir u posizzjoni finanzjarja dgħajfa li kien hemm fir-Reġistru tal-Kumpanniji hija ħrafa. Ħadd f'sensih mhu ser jagħmel hekk tassew. Fl-appell stess huwa ammess li ġew avviċinati d-diretturi [tal-kumpannija debitriċi] biex jistħarrġu aktar – naturalment għaliex il-figuri tal-*accounts* ma riflettewx posizzjoni positiva u ma ntgħoġbux u għax ta' *Valle del Miele* kienu inkwettanti [*recte*, inkwetati].«

80. Ċertament ma jistax jingħad illi l-kontijiet pubblikati tal-kumpannija debitriċi u r-rapport tal-konvenuti fuq dawn il-kontijiet kienu r-raġuni waħdanija u lanqas dik ewlenija għala l-attriċi iddeċidiet li tkompli

tagħti kreditu lill-kumpannija debitriċi. Ix-xiehda turi li kien hemm fatturi oħra li wasslu lill-attriċi għal dik id-deċiżjoni, fosthom – kif xehed Carm Fenech, konsulent finanzjarju u direttur tas-soċjetà attriċi – ix-xewqa li tisfrutta l-okkażjoni li nħolqotilha bil-*mad cow disease* li tkabbar il-bejgħ tal-prodott tagħha li kien hemm domanda akbar għalih flok il-prodotti milquta bil-marda. X'aktarx ukoll kien hemm it-tama li, jekk tkompli tagħti kreditu lill-kumpannija debitriċi, tevita li tippreċipita s-sitwazzjoni u hekk forsi eventwalment tiġbor dak li kellha tieħu min-għand id-debitriċi. Din it-tama forsi għamlitha aktar propensa li tieħu viżjoni aktar ottimista tal-qagħda tad-debitriċi.

81. Relevanti wkoll illi, għalkemm, għar-raġunijiet mogħtija fuq, il-kontijiet u r-rapport tal-konvenuti ma tawx twissija ċara tal-periklu għall-kredituri – *viz.* il-kapital inadegwat li wassal biex proġetti kapitali jiġu finanzjati bi flus il-kredituri flok dawk tal-investituri, bil-konsegwenza li r-riskju li kellhom jerfgħu l-investituri ntefa' fuq il-kredituri – madankollu fil-kontijiet u r-rapport kien hemm tagħrif biżżejjed biex l-attriċi fehmet illi kellha tikseb aktar tagħrif qabel ma tiddeċiedi, għalkemm, biex ngħidu kollox, ikolna ngħidu wkoll illi l-attriċi kienet imħassba aktar bil-fatt li d-debitriċi kienet qiegħda taqa' lura fil-ħlas milli b'dak li rat fil-kontijiet u fir-rapport.

82. Kif kompla xehed Carm Fenech, qabel iddeċidiet li testendi l-kreditu l-attriċi kellha wkoll laqgħat mad-diretturi tal-kumpannija debitriċi u kien ir-riżultat ta' din il-laqgħa, flimkien max-xewqa li ma jintilifx klijent kbir

bħal ma kienet il-kumpannija debitriċi, ir-raġuni ewlenija għad-deċiżjoni tal-attriċi.

83. Madankollu, ma jistax ma jingħadx ukoll illi, li kieku ma nżammewx mistura d-difetti fl-istruttura kapitali tal-kumpannija debitriċi, id-deċiżjoni tal-attriċi x'aktarx illi kienet tkun mod ieħor. Li kieku ntwera lill-attriċi li bħala kreditriċi kienet – b'deċiżjoni deliberata ta' min iddisinja l-istruttura kapitali tal-kumpannija debitriċi – qiegħda terfa' r-riskji li, fis-sewwa, kellhom ikunu tal-investituri, x'aktarx li ma kinitx tkompli ddejjen lid-debitriċi. Ma jistax jingħad għalhekk illi n-nuqqas tal-konvenuti ma ikkontribwiex ukoll – għalkemm f'miżura anqas minn fatturi oħra – għat-telf li ġarrbet l-attriċi meta kompliet taghti aktar kreditu lid-debitriċi.

84. Għalhekk ma hijiex għalkollox nieqsa r-rabta kawżali bejn in-nuqqas tal-konvenuti u t-telf li ġarrbet l-attriċi. Meta tqis il-fatturi kollha li setgħu wasslu lill-attriċi għad-deċiżjoni tagħha, u l-importanza relativa tan-nuqqas tal-konvenuti fost dawk il-fatturi, din il-qorti hija tal-fehma illi l-konvenuti għandhom iwieġbu għal sehem wieħed minn erbgħa (¼) tad-danni li ġarrbet l-attriċi.

85. Id-danni li ġarrbet is-soċjetà attriċi huma d-differenza bejn id-dejn li kellha magħha l-kumpannija debitriċi qabel ma iddeċidiet li tagtiha aktar kreditu – tmienja u sebgħin elf, mitejn u tlieta u disgħin lira ta' Malta (Lm78,293) – u d-dejn li spiċċat bih meta d-debitriċi waqqfet il-ħlas – mija u ħamsin elf, mitejn u tlieta u sittin lira ta' Malta u sitta u għoxrin ċenteżmu (Lm150,263.26). Id-differenza hija ta' wieħed u

sebgħin elf, disa' mija u sebgħin Liri Maltin u sitta u għoxrin ċenteżmu (Lm71,970.26), jew mija u sebgħa u sittin elf, sitt mija u sitta u erbgħin euro (€167,646). Is-sehem li għalih iwieġbu l-konvenuti huwa ta' wieħed minn erbgħa (¼) jew wieħed u erbgħin elf, disa' mija u ħdax-il euro (€41,911).

86. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti hekk tiddisponi mill-appelli tal-partijiet:

i. tiċħad l-appell tal-konvenuti, kemm mis-sentenza preliminari u kemm minn dik il-parti tas-sentenza finali li sabet li l-konvenuti mxew b'nuqqas ta' għaqal;

ii. għalhekk tikkonferma s-sentenza preliminari;

iii. tiċħad l-appell tas-soċjetà attriċi mill-ewwel dikriet u mit-tieni dikriet,

iv. għalhekk tikkonferma dawk id-dikrieti;

v. tilqa' kif imfisser fuq l-appell tas-soċjetà attriċi minn dik il-parti tas-sentenza finali li sabet li l-konvenuti ma jweġbux għad-danni li ġarrbet l-attriċi u għalhekk ċaħdet it-talbiet tagħha;

vi. għalhekk tirriforma s-sentenza finali:

   a) tikkonfermaha fejn sabet illi l-konvenuti mxew b'nuqqas ta' għaqal;

   b) tħassarha fejn sabet illi l-konvenuti ma jweġbux għad-danni li ġarrbet is-soċjetà attriċi u għalhekk ċaħdet it-talbiet tas-soċjetà attriċi;

c) tgħid illi l-konvenuti mxew b'nuqqas ta' għaqal u għal-hekk għandhom iwieġbu għad-danni li ġarbet is-soċjetà attriċi b'konsegwenza ta' dak in-nuqqas tal-konvenuti;

d) tillikwida d-danni li ġarrbet l-attriċi u li għalihom għand-hom iwieġbu l-konvenuti fis-somma ta' wieħed u erbgħin elf, disa' mija u ħdax-il euro (€41,911);

e) tikkundanna lill-konvenuti jħallsu lill-attriċi d-danni hekk likwidati flimkien mal-imgħax minn dakinhar li saret talba għall-ħlas b'att ġudizzjarju.

87. L-ispejjeż tal-ewwel grad, kemm tas-sentenza preliminari u kemm tas-sentenza finali, u tal-appell tal-konvenuti minn dawk is-sentenzi, iħallsuhom il-konvenuti. L-ispejjeż tal-appell tal-attriċi, billi l-parti relattiva għall-appell mid-dikrieti u l-aggravju dwar l-allegazzjoni li l-konvenuti mxew b'qerq ġew miċħuda, jinqasmu hekk: sehem minn erbgħa (¼) tħallsu s-soċjetà attriċi u tliet ishma minn erbgħa (¾) jħallsuhom il-konvenuti.

| | | |
|---|---|---|
| Giannino Caruana Demajo<br>President | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
mb